# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

disinn hilaryspiteri.com

Nu. 46 - **MARZU 2018**

## werrej

| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 7 |
| L-Intervista: Gabriel Schembri | 8 |
| Pjanti Mediċinali Għawdxin | 12 |
| Leġġenda - Lina Brockdorff | 13 |
| Il-Poeżija ta' John Caruana | 14 |
| Patri Dwardu Fenech - It-Tieni Parti | 16 |
| Rakkont: It-Tennis - It-Tieni Parti | 19 |
| It-Tema Familja f'*Vaganzi Sajfin* | 22 |
| Poeti mir-Rumanija u mis-Slovakkja | 23 |
| Il-Poeżiji | 26 |
| Versi lil hinn minn xtutna | 29 |
| Minn fuq l-ixkaffa | 31 |







Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

IL-PONT beda fuq kollox bħala rivista virtwali u tieqa ta' xogħlijiet u kittieba Maltin. U hekk għadu sal-ġurnata tal-lum. Imma aktar kemm jgħaddu s-snin, aktar qed jiżdied il-kontenut miktub minn kittieba u poeti barranin, fuq kollox kontemporanji, minn pajjiżi differenti. Dan jinftiehem anki fid-dawl li llum Malta m'għadhiex gżira magħtugħa f'nofs il-Mediterran u lanqas pajjiż fejn jgħixu biss Maltin u Għawdxin. Wieħed jistaqsi, "Meta kienet hekk?".

Illum Malta ssaħħet fid-dimensjoni multikulturali tagħha u dan ilkoll narawh ladarba noħorġu mill-bieb 'il barra: dan narawh fl-iskejjel, fuq il-post tax-xogħol, fir-ristoranti u fil-lukandi, fl-isptarijiet, u l-bqija. Din mhix xi ħaġa li għandna nħarsu lejha b'xettiċiżmu, imma hija opportunità li għandha fuq kollox issaħħaħna bħala poplu, mhux tnissel fina piki, mibegħda, u firda. Għalhekk fost l-għanijiet ta' IL-PONT hemm dak li jgħaqqad kittieba ma' qarrejja, imma anki pajjiż ma' ieħor, anki għax jagħmel mill-aħjar biex iwassal ilħna differenti u mbiegħda qrib tagħna. Meta naqraw kemm ix-xogħlijiet miktubin minna stess kif ukoll dawk miktubin minn persuni li jgħixu 'l bogħod minna, nindunaw li wara kollox ilkoll aħna tad-demm u l-laħam, ilkoll nafu nifirħu, inħobbu, ilkoll inweġġgħu, nirrabbjaw, u nħossu.

IL-PONT minn dejjem kien vetrina mhux biss ta' xogħlijiet ta' kittieba differenti, magħrufa u inqas magħrufa, imma anki tal-bosta attivitajiet ta' natura letterarja li qed iseħħu fuq kollox f'pajjiżna. Huma attivitajiet li iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar jiżdiedu u dan huwa sinjal pożittiv tassew. Ikun ġust li kull min verament juri mħabba lejn l-arti in ġenerali u l-letteratura in partikulari jingħata l-għajnuna xierqa mingħajr ma wieħed iħares lejn ismu jew wiċċu, imma lejn dak li kapaċi jipproduċi.

IL-PONT iberraħ ukoll il-ferħ u l-uġigħat ta' min qed jikteb. Dan jorbtu wkoll max-xena politiko-soċjali kontemporanja. Dan ifakkar dejjem li l-letteratura mhix xi ħaġa magħluqa f'bozza imma hija ħaġa waħda mal-kuntest soċjali, politiku u kulturali li titwieħed fih.

Għalhekk IL-PONT ifakkar il-ħin kollu s-siwi tal-letteratura, siwi li mhux naqas imma kiber fid-dinja żviluppata u globalizzata tal-lum. Hija dinja fejn jaħkem il-materjaliżmu, il-flus u l-profitt personali. Minħabba dawn qed ibati l-pajsaġġ naturali li qed nitbiegħdu minnu dejjem iktar u b'hekk ninsew l-umanità tagħna. Huwa għalhekk li l-letteratura takkwista iktar importanza għax tfakkarna li aħna l-ewwel u qabel kollox bnedmin tad-demm u l-laħam, mhux magni u lanqas bhejjem bla emozzjonijiet u bla moħħ. Il-letteratura tleħħen it-tbatijiet tal-parti l-kbira tal-umanità u tfakkarna li wara kollox is-sabiħ u l-ikrah li ngħaddu minnhom aħna llum għaddew minnu dawk li għexu u telqu qalbina u għad jagħmlu l-istess dawk ta' warajna meta aħna ma nkunux għadna hawn.

Il-letteratura, bħall-arti in ġenerali, hija legat ta' dawk li ġew qabilna. Ma jfissirx li għax m'għadhomx fiżikament preżenti għandna ninsewhom darba għal dejjem, il-valuri, it-tiġrib, l-uġigħat u s-sodisfazzjonijiet tagħhom.

Minn hawn IL-PONT jirringrazzja lil dawk kollha li jikkontribwixxu b'modi differenti biex pubblikazzjoni bħal din tkun varjata bħala kontenut minn ħarġa għal ta' warajha. Kif il-qarrejja ta' IL-PONT jafu pubblikazzjoni bħal din toffri kitbiet ta' natura differenti u anki b'ilsna differenti: minn aħbarijiet, intervisti, rakkonti, poeżiji, esejs u riflessjonijiet, tagħrif dwar kotba ġodda u kotba oħrajn, u dan mhux biss minn Malta u Għawdex, imma anki minn bosta pajjiżi lil hinn minn xtutna.

IL-PONT għalhekk joqrob b'xi mod jew ieħor lejn viżjoni multikulturali u multinazzjonali, illum li f'Malta jgħixu bosta persuni ta' nazzjonalitajiet differenti mill-ħames kontinenti, u llum li numru mdaqqas ta' Maltin għażlu anki li jgħixu barra minn xtutna. IL-PONT verament qed iservi ta' pont: bejn il-Maltin u Għawdxin li jgħixu fuq il-gżejjer tagħna u dawk li jgħixu lil hinn, mhux biss fl-Ewropa imma anki l-Awstralja, fl-Amerka, fl-Asja u l-bqija.

L-GĦID IT-TAJJEB lill-qarrejja ta' IL-PONT, il-familji u l-ħbieb.

**DR KARMENU MALLIA JINGĦATA TITLU FI SQALLIJA**

IL-PONT jixtieq jikkjarifika li nhar it-28 ta' Ottubru 2017 Dr Karmenu Mallia ngħata titlu ta' "Cavaliere di Sicilia" - u mhux diploma, kif irrappurtat f'ħarġa numru 45 - minn idejn il-Barone Saverio Donato, Gran Maestro. Is-serata saret taħt il-presidenza ta' Prof. Giuseppe Campolo, promutur u president tal-kumitat "Sicilia Esperantista" li tmexxi konkors internazzjonali ta' poeżija bit-Taljan u bl-Esperanto, bit-titlu "Poesia da tutti i cieli/Poezio el ĉiuj ĉieloj." Dr Mallia kien wieħed mill-ġurija ta' għaxra. Is-serata saret fil-lukanda Parco Augusto, Terme Vigliatore, provinċja ta' Messina.

**STUDENTI MILL-GIOVANNI CURMI HIGHER SECONDARY IŻURU D-DIPARTIMENT TAT-TALJAN FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA**



**Fir-ritratt jidhru l-Prof. Gloria Lauri-Lucente u Dr Fabrizio Foni**

Nhar l-14 ta' Novembru 2017 il-Prof. Gloria Lauri-Lucente, Kap tad-Dipartiment tat-Taljan fi ħdan il-Fakultà tal-Arti, u Dr Fabrizio Foni, lettur tat-Taljan, kienu mistiedna biex jagħtu *lecture* lill-istudenti tat-Taljan fil-Giovanni Curmi Higher Secondary School fin-Naxxar. Wara li taw tagħrif ġenerali dwar il-kors tat-Taljan fil-livell ta' Baċellerat, il-Prof. Lauri-Lucente u Dr Foni tkellmu dwar ir-relazzjoni interessanti bejn iċ-ċinema ta' Federico Fellini u d-dinja tal-*comics*. Bħala tkomplija ta' din il-*lecture*, id-Dipartiment tat-Taljan stieden lill-istudenti interessati li jkomplu l-istudji tagħhom fit-Taljan biex iżuru l-kampus tal-Università. Għalhekk nhar l-14 ta' Diċembru 2017, grupp ta' studenti flimkien mal-għalliema tagħhom intlaqgħu fil-kampus tal-Imsida mill-Prof. Lauri-Lucente, il-Prof. Joseph Brincat, il-Prof. Joseph Pace-Asciak u Dr Foni. Wara li ddiskutew il-programm tat-Taljan, il-letturi tat-Taljan dawru lill-istudenti mal-kampus u wara lkoll inġabru fis-Sala Sir Temi Zammit fejn iltaqgħu mal-istudenti tat-Taljan (Baċellerat) tal-ewwel sena għal *lecture* bl-isem ta' "Introduzzjoni għaċ-Ċinema" mogħtija minn Dr Foni. Inizzjattiva bħal din kienet suċċess kbir.

**SERATA LETTERARJA TAL-MILIED**

Bħalma ġieli sar fis-snin l-imgħoddija, nhar is-Sibt 9 ta' Diċembru 2017, fil-Librerija Pubblika ta' Triq Vajrinġa, Victoria Għawdex, reġgħet saret Serata Letterarja tal-Milied li matulha diversi kittieba Għawdxin, fosthom Raymond Caruana, Anton F Attard, Joe M Attard, Francis Mizzi, Joe Camilleri, Ġanninu Cremona, Charles Bezzina - li għadu kemm stampa ktieb dwar ir-refuġjati Maltin f'Għawdex matul l-Aħħar Gwerra -, Joe W. Psaila - l-awtur ta' dramm li jittella' fuq il-palk tas-Seminarju t'Għawdex fil-Milied -, u l-Avukat Alfred Grech, qraw xi xogħlijiet tagħhom b'rabta mal-Milied. Din kienet serata ħelwa li kompliet iddaħħal fl-ispirtu tal-Milied u li għaliha kien mistieden kulħadd.

**LEJLA TA' LETTERATURA U MUŻIKA F'BIRKIRKARA**

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Diċembru 2017, ittellgħet Lejla ta' Letteratura u Mużika bl-isem ta' "Paċi fl-Art lil Kulħadd". L-okkażjoni ġiet organizzata mill-Grupp Letterarju Muża Karkariża u saret fis-sala taċ-Ċentru Ċiviku f'Birkirkara. Il-produzzjoni tal-Lejla kienet f'idejn Terry Muscat, u ppreżentat is-serata Maria Mintoff. Inqraw kitbiet minn Tarċisio Zarb, Charles Briffa, Therese Pace, Ninu Borg, Ġorġ Peresso, Philip Borg, Anġelo Mamo, Carmel G Cauchi, Charles Mifsud, Philip Xuereb, Wayne Farrugia, David Azzopardi u Charles Spiteri. Is-siltiet mużikali kienu afdati lil Elena Muscat, Joseph Lia, David Azzopardi u Carmelo Borg.

**IMUT AHARON APPELFELD, IL-KITTIEB LI RRAKKONTA L-KRUHAT TAL-OLOKAWST**

Nhar l-4 ta' Jannar 2018, fl-età ta' 85 sena, miet f'Ġerusalemm il-kittieb Iżraeljan, Aharon Appelfeld, sopravvissut tal-Olokawst, suġġett ewlieni fil-kotba tiegħu. Il-kotba tiegħu ġew maqluba fi 28 ilsien. Fost xogħlijietu *Badenheim 1939* (1978), *Beyond Despair* (1994), *Story of a Life* (1997), *Blooms of Darkness* (2006), *Suddenly Love* (2014), u *Adam and Thomas* (2015). Appelfeld twieled f'familja Lhudija fi

Czernowitz, fil-Bucovina tat-Tramuntana, dak iż-żmien fir-Rumanija, fis-16 ta' Frar 1932. Kien deportat flimkien ma' missieru f'kamp tal-konċentrament fi Transnistria (dak iż-żmien territorju taħt il-kontroll tar-Rumanija) minn fejn ħarab. Għal tliet snin sħaħ staħba fil-foresti u wara ngħaqad mal-Armata l-Ħamra fejn serva bħala kok. Fi tmiem il-gwerra mar l-Italja u minn hemm fl-1946 telaq għall-Palestina li kienet taħt il-ħakma Britannika. Iggradwa fil-Letteratura fl-Università ta' Ġerusalemm u wara għallem il-Letteratura Ebrajka fl-Università Ben Gurion ta' Negev f'Beer Sheva. Minkejja li tgħallem l-Ebrajk tard f'ħajtu, Appelfeld sar wieħed mill-iktar kittieba Iżraeljani importanti tas-seklu 20. Fost il-premjijiet li rebaħ: il-Premju Iżrael, il-Premju Mèdicis fi Franza, u l-Premju Napoli fl-Italja. Kien membru tal-Akkademja Amerikana tal-Arti u x-Xjenzi.



**Aharon Appelfeld**

**Il-PREŻENZA TAL-ILSIEN MALTI FIL-PROĠETTI KIROGRAFIĊI U SEMJOTIĊI TA' WILLIAM WOLKOWSKI**

Nhar id-19 ta' Jannar 2018 saret taħdita pubblika minn Dr Mario Cassar dwar il-Preżenza tal-Ilsien Malti fil-Proġetti Kirografiċi u Semjotiċi ta' William Wolkowski. Din l-okkażjoni ttellgħet f'Dar l-Ewropa, il-Belt Valletta, mill-Akkademja tal-Malti. Il-kirografija hija l-istudju tal-arti tal-kitba bl-idejn bħala għodda espressiva, u li għaldaqstant għandha dimensjoni estetika daqskemm semjotika. William Wolkowski huwa professur Franċiż-Pollakk li ħakem l-arti tal-kirografija u li bħal skriba medjevali jfittex li jagħti kulur, timbru, karattru lil dawk it-testi li jagħżel jinterpreta. Mill-1987 'l hawn espona l-kollezzjonijiet kirografiċi tiegħu fi sbatax-il pajjiż differenti. F'dawn ix-xogħlijiet kultant jitfaċċaw anki kontribuzzjonijiet bil-Malti. Fil-fatt, s'issa, l-ilsien Malti deher f'mhux anqas minn tlettax-il proġett kirografiku minn tiegħu. Fost dawn nistgħu nsemmu l-*Ave Maria* u l-*Pater Noster*, kif ukoll kwotazzjonijiet minn Lewis Carroll, Nicolai Gogol, Arthur Rimbaud, Marie Curie, William Shakespeare, Il-*Vanġelu* ta' San Ġwann, u l-*Apokalissi*. Dan l-aħħar Wolkowski nieda wkoll proġett interessanti fuq il-poeżija Marjana bil-Malti. L-interpretazzjonijiet kirografiċi ta' dawn il-poeżiji dehru għall-ewwel darba waqt din it-taħdita. Dehru wkoll għall-ewwel darba tliet interpretazzjonijiet tal-famuża *Ode to Joy* ta' Schiller bil-Malti.

**IMUT ANTON AGIUS MUSCAT**



Nhar it-2 ta' Frar 2018 miet f'Villa Messina Anton Agius Muscat fl-età ta' 86 sena. Huwa twieled fid-19 ta' April 1931, il-Ħamrun, u studja l-Liċeo, is-St Michael's Training College u f'St Mary University College ta' Twickenhan, l-Ingilterra. Fl-1950 beda jgħallem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Fl-1960 laħaq assistent kap u fl-1970 inħatar Kap ta' skola. Irtira mis-servizz fl-1992. Ħadem fi ħdan il-Moviment tal-Malti u l-Għaqda Letterarja Maltija. Ippreżenta diversi programmi letterarji fiż-żewġ għaqdiet. Inħatar membru tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum l-Akkademja tal-Malti) fl-1960. Għal snin twal

ħadem fil-kunsill kemm bħala Segretarju Relazzjonijiet Pubbliċi kif ukoll bħala Teżorier u Viċi President. F'isem L-Akkademja tal-Malti organizza u mexxa għadd ta' programmi televiżivi fl-1980/81 bl-isem *Ħarsa mill-Qrib*, li fihom it-telespettatur iltaqa' ma' kittieba anzjani. Fl-1982 Karmenu Vassallo ddeskrivieh bħala "kontributur ħawtiel u lieżem fil-qasam ġurnalistiku Malti, b'ħemel ta' kitba bl-Ingliż u bil-Malti ta' qatgħa u xejra kulturali/edukattiva/ soċjali. Il-funeral sar fit-3 ta' Frar 2018 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan.

**_IL-ĠIFEN TORK_ TA' ĠAN ANTON VASSALLO - BEJN IL-VERITÀ STORIKA U VERITÀ POETIKA**

Nhar is-16 ta' Frar 2018, fis-Santwarju tal-Mellieħa Liam Gauci ta taħdita pubblika dwar l-epika tal-*Ġifen Tork* ta' Ġan Anton Vassallo li kienet ġrajja li seħħet tabilħaqq. Kienet ġrajja unika u qanqlet lill-ewwel poeta kbir Malti biex isensel l-ewwel epika tal-letteratura Maltija. Il-fatti li uża kienu korretti imma kien hemm lok fejn niseġ u sawwar storja patrijottika għal żmienu. Il-ġrajja vera kienet mimlija kuraġġ u ċarċir ta' demm flimkien ma' wegħda lis-Santwarju tal-Mellieħa. Iżda fl-istess ġrajja nsibu azzarini tad-deheb, nisa tax-xogħol, ambaxxaturi maqtula u kursar li abbord kien iġib ruħu ħażin ħafna. Din kienet attività oħra mtellgħa mill-Akkademja tal-Malti.

**QARI TA' KITBIET ĠODDA MINN TREVOR ŻAHRA FL-IMĠARR**

Nhar id-9 ta' Frar 2018 il-kittieb Trevor Żahra ppreżenta serata ta' qari divertenti ta' kitbiet ġodda tiegħu. Is-serata saret fil-bini tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr.

**IMFAKKAR Il-JUM INTERNAZZJONALI TAL-LINGWA MATERNA (UNESCO)**

Fil-21 ta' Frar 2018 ġie mfakkar il-Jum Internazzjonali tal-Lingwa Materna (UNESCO) taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u l-għaqdiet uffiċċjali tal-Malti, fosthom l-Għaqda Poeti Maltin, ħadmu flimkien biex organizzaw serata ta' kant, poeżiji dwar l-Ilsien Malti u preżentazzjonijiet qosra li fihom l-għaqdiet tal-Malti wrew il-ħidmiet tagħhom. Okkażjoni bħal din ittellgħet fil-Palazz ta' San Anton.

**DIPLOMA FIL-LETTERATURA MALTIJA**

F'Ottubru 2018 se tiftaħ għal darb'oħra d-Diploma fil-Letteratura Maltija, kors ta' filgħaxija mifrux fuq sentejn għal dawk kollha li jixtiequ jesploraw il-poeżija u l-letteratura Maltija fis-seklu 21. L-applikazzjonijiet miftuħin u jagħlqu fid-19 ta' Lulju fis-2.00pm. Fost is-suġġetti li jiġu ttrattati f'kors bħal dan wieħed isib Kritika u Interpretazzjoni, l-Intelliġenza Artifiċjali, ir-Rwol tal-Qarrejja, id-Drama, il-Poeżija Romantika, ir-Rumanz tan-Nazzjon, ir-Realiżmu, il-Letteratura ta' wara l-Indipendenza, il-Letteratura Kożmopolitana, il-Qari fil-Pubbliku, l-Użu Kreattiv tat-Teknika Letterarja, Bejn Kanoni u Sedizzjoni, il-Lirika tal-Kanzunetta, il-Letteratura tat-Tfal u l-Adolexxenti, u l-Editjar tal-Manuskritt. Din id-Diploma għandha l-għan li tħejji lill-istudenti għal dawn ir-realtajiet analitiċi u kreattivi tas-seklu 21, u tiftaħ toroq ġodda għall-arti tal-kelma. Dan il-kors huwa maħsub għal nies impjegati f'diversi setturi kulturali, artistiċi, u kreattivi relatati mal-preżentazzjoni pubblika ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti. Huwa maħsub ukoll għal dawk li għandhom interess jaqbdu l-kitba kreattiva bis-serjetà, u dawk li għandhom sehem attiv fl-addattament tal-letteratura Maltija għal forom artistiċi u dixxiplini oħra. Se jinteressa wkoll lil dawk li sempliċiment għandhom passjoni għal-letteratura u jixtiequ jkabbru l-għarfien tagħhom tal-forom ta' kitba kreattiva bil-Malti, kemm tal-imgħoddi kif ukoll tal-preżent. Bi ftehim mad-Dipartiment tal-Malti, BNF Bank se jħallas il-miżata, sa massimu ta' 2000 ewro, tal-kors tal-istudent jew l-istudenta li tiġi l-ewwel fil-kors, waqt li l-Kunsill Malti għall-Arti se jagħti għajnuna finanzjarja għall-aħjar erba' proġetti tal-istudenti fit-tieni sena tal-kors. Aktar tagħrif jista' jinkiseb b'ittra elettronika lil malti.arts@um.edu.mt jew b'telefonata lin-numru 2340 3387.

**LEJLA LETTERARJA FIĊ-ĊENTRU RUSSU TAX-XJENZA U L-KULTURA**

Nhar id-19 ta' Frar 2018 ittellgħet lejla ta' mużika u poeżija fiċ-Ċentru Russu tax-Xjenza u l-Kultura fil-Belt. Inqraw poeżiji ta' Vladimir Vystotsky li twieled fl-1938 u miet fl-1980, kien kantant-kittieb, poeta u attur li l-karriera tiegħu ħalliet impatt kbir u dejjiemi fuq il-kultura Russa u Sovjetika. F'din is-serata ndaqqu l-kanzunetti tas-sittinijet u sebgħinijiet ta' Vladimir Vysotsky bit-traduzzjoni tagħhom għall-

ilsien Malti li saret minn Yana Psaila. Vysotsky għandu ħila jesprimi bl-isbaħ mod il-metafori u xbihat profondi li kien kapaċi joħloq.

**JITNIEDA RUMANZ AMBJENTALI FIL-PARLAMENT TA' MALTA**

Nhar il-21 ta' Frar 2018 tnieda r-rumanz ambjentali tal-kittieb Paul P. Borg bl-isem ta' *Il-Kmandament Numru Ħdax* li huwa maqsum f'żewġ volumi u ppubblikat mill-Horizons. L-istedina ntbagħtet mill-Onor. Speaker Dr Anġlu Farrugia M.P. L-avveniment seħħ fil-Kamra tad-Deputati l-Belt. Paul P. Borg minn dejjem semma leħnu favur il-protezzjoni tal-pajsaġġ naturali u kontra l-qerda bla ražan tiegħu. Din l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu fi kliem il-Profs. Charles Briffa hija rumanz ibbażat fuq problemi ambjentali li l-ħolqien kellu jġarrab matul is-snin imgħoddija l-aktar minħabba li l-bniedem ma kienx sensittiv biżżejjed. Hu rakkont li jwassal għal intriċċi ta' suldat li ma jistax ma jkunx qawwi biex jipproteġi lill-ħolqien. Iwassal għal tibdil inevitabbli imma li ma jitwemminx riesaq fuq pajjiżna.

**LEJLA TA' LETTERATURA U MUŻIKA MINN POEŻIJAPLUS**

Nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar 2018, ittellgħet lejla ta' mużika u letteratura minn PoeżijaPlus. Il-lejla kienet miftuħa għal dawk kollha li xtaqu jaqraw kitbiet ta' natura differenti miktubin mill-pinna tagħhom. Din l-okkażjoni saret fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta fi Pjazza Reġina (ħdejn il-Bibljoteka), f'kollaborazzjoni mal-Akkademja tal-Malti u mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

**IL-KITTIEBA TALJANA ELENA FERRANTE B'KITBIET REGOLARI F'"THE GUARDIAN"**

Sal-ġurnata tal-lum il-kittieba Taljana bl-isem ta' Elena Ferrante (li hu isem fittizzju) ħarġet seba' rumanzi. L-ewwel ċiklu ta' rumanzi tagħha jiġbor fih *L'amore molesto* (1992), *I giorni dell'abbandono* (2002), u *La figlia oscura* (2006). It-tieni ċiklu huwa fil-fatt rumanz wieħed li ġie msejjaħ "Il-kwartett Naplitan" ladarba huwa maqsum f'erba' volumi li b'kollox jiġbru fihom mal-1700 paġna. L-erba' rumanzi huma *L'amica geniale* (Vol. 1, li ħareġ fl-2011), *Storia del nuovo cognome* (Vol. 2, 2012), *Storia di chi fugge e di chi resta* (Vol. 3, 2013), u *Storia della bambina perduta* (Vol. 4, 2014). Intant fl-2003 ħareġ *La frantumaglia* li ġabar fih riflessjonijiet tal-kittieba dwar aspetti differenti tal-ħajja u għadd ta' intervisti u reazzjonijiet tal-kittieba għal ittri li ntbagħtulha matul is-snin. Dan il-ktieb kellu żewġ aġġornamenti, fl-2007 u fl-2016. Fl-2007 Ferrante ħarġet ukoll ir-rakkont qasir għat-tfal bl-isem ta' *La spiaggia di notte*. Id-dar tal-pubblikazzjoni ta' Ferrante hija E/O ta' Ruma. Għal dawn is-snin kollha Ferrante żammet il-wegħda tagħha li ma tikxifx il-vera identità tagħha. Li nafu dwarha huwa li hija mill-belt ta' Napli u li wisq probabbli twieldet fl-1943. Bosta jsostnu li hija verament mara, imma hemm min jgħid li hija raġel jew saħansitra grupp ta' kittieba. Ferrante temmen li ladarba l-ktieb jiġi ppubblikat ma jibqax tagħha u jsir entità għalih. Temmen ukoll li biex ktieb jagħmel suċċess m'għandux bżonn isem l-awtur.

Ta' min wieħed jgħid li Ferrante kellha suċċess ikbar fl-Ingilterra u fl-Istati Uniti fejn ix-xogħlijiet kollha tagħha ġew tradotti għall-Ingliz minn Ann Goldstein. Tant saret magħrufa din il-kittieba li nħolqot l-etiketta "Ferrante Fever" biex tiddeskriivi dawk l-eluf ta' qarrejja li nħakmu mis-seħer tal-kitbiet tagħha. Ix-xogħlijiet tagħha ġew tradotti f'bosta lsna oħra.

Minn Jannar li għadda Ferrante bdiet saħansitra tikteb artiklu qasir kull ġimgħa fuq il-ġurnal Ingliz "The Guardian". Sal-aħħar ta' Frar dehru sitt artikli ta' Ferrante għal dan il-ġurnal, għal darb'oħra bil-għajnuna tat-traduttriċi Goldstein.

L-ewwel żewġ rumanzi ta' Ferrante ġew anki maqluba f'films: *L'amore molesto* ħareġ fl-1995, tar-reġista Mario Martone, u *I giorni dell'abbandono* ħareġ fl-2005, tar-reġista Roberto Faenza. Is-serje ta' rumanzi ta' *L'amica geniale* bħalissa qed tiġi tradottia wkoll f'serje televiżiva li għandha titħabbar daqt.

Isem Ferrante ġie inkluż fil-lista tal-aktar mitt ħassieb influwenti skont ir-rivista "Foreign Policy". It-"Time" fl-2016 qieset lil Ferrante fost l-ewwel mitt artist influwenti. L-2016 rat lil Ferrante fost il-ħames finalisti tal-premju letterarju prestiġjuż Taljan, Strega.

**Email mingħand Therese De Luca, l-14 ta' Diċembru 2017**

Għażiż Patrick,

Grazzi tal-paċenzja li tieħu sabiex kull tliet xhur tgħaddilna rivista mimlija informazzjoni u ta' tant interess.

Napprezza ħafna li l-PONT jagħti kuraġġ lill-kittieba non-elite bħali li għadni u nibqa' dejjem nitgħallem. Hu tassew minnu dak li inti għedt: kull kitba għandha s-sabiħ tagħha.

Insellimlek mill-Qatar waqt li nawgura lilek u lill-familja kollha tiegħek Milied hieni u sena ġdida mimlija saħħa u risq.

GRAZZI.

Therese



**Ritratt tal-Qatar National Library li ġiet inawgurata f'Novembru 2017, ġentilment mibgħut mingħand Therese De Luca.**

**Email mingħand Amanda Busuttil, is-7 ta' Jannar 2018**

Insellimlek Patrick,

Xtaqt niktiblek kelmtejn ta' apprezzament ghax ftit jiem ilu spiċċajt naqra IL-PONT ħarġa nr. 45 ta' Diċembru 2017.

Ħadt pjaċir ninforma ruħi fuq id-diversi suġġetti varjati b'rabta mal-Letteratura, però ma nistax ngħidlek kemm qrajt b'interess akbar dak l-artiklu ta' Rigu Bovington dwar Patri Dwardu Fenech u l-ieħor ta' Joe Camilleri dwar Ġorg Pisani. Irrakkuntati tant tajjeb u b'dettall dwar dawn iż-żewġ protagonisti kbar, li qisna ltqajna magħhom f'ħajjithom. Wieħed mill-fatturi li tagħmel l-istorja tal-Malti u l-Letteratura kbira hija li nies bħal dawn ikkomponuha, nies ġenwini li ma ħadmux għal xi interess personali jew biex jiftaħru b'li kellhom, anzi l-kuntrarju, l-umiltà tagħhom tant kienet kbira, li llum li tlifniehom sirna nafu x'ġojjelli kellna u jibqa' għandna, għax il-kittieb jibqa' jgħix f'dak li jikteb. Tant qrajthom bil-qalb u huma miktuba bħala memorji ferm għeżież li ġelbnet xi demgħa minn għajnejja wkoll, kif temmejt mill-qari.

Prosit Patrick u grazzi. Inħossni wisq grata għan-nies li ffurmaw din il-katina li lkoll inħossuna ħolqa minnha. Hemm bżonn li ningħaqdu biex din il-katina tkompli ssir soda u tikber.

Amanda

**Email mingħand Achille Mizzi, id-9 ta' Frar 2018**

Għażiż Patrick

Nibda biex nifraħlek u nirringrazzjak tax-xogħol tassew fejjiedi li qed tagħmel favur l-ilsien u l-letteratura Maltija. Niżgurak li dan ir-rivista letterarja llum tista' titqies bħala ħolqa li tgħaqqad lill-kittieba mal-Maltin kollha madwar id-dinja.

Qiegħed nieħu din l-opportunità biex ngħaddilek hawn taħt tliet noti kritiċi dwar 'Ġenesi', l-aħħar ġabra tal-poeżiji tiegħi.

Nirringrazzjak bil-quddiem jekk issib spazju biex tippubblikahom f'IL-PONT.

Inselli għalik.

Achille Mizzi




**IL-PONT jintervista lil Gabriel Schembri, awtur tar-rumanz PATRIA (KKM, 2017)**

**Dan hu rumanz li jibda mill-ewwel b'saħħa. U meta taħseb li dak li kellu jseħħ seħħ, tasal sorpriża iktar b'saħħitha. U dan sal-aħħar nett. It-tmiem huwa miftuħ, ma jagħlaqx. X'kienet l-intenzjoni wara dan kollu?**

Ma nafx it-tmiem jistax jiġi deskritt bħala miftuħ jew le. S'issa kull min qrah saqsieni jekk għandix l-intenzjoni li niżvilippu l-istorja fi ktieb ieħor. U f'moħħi hemm kontinwazzjoni tal-istorja. L-aħħar kapitlu jagħti lok għal ftit fantażija ta' x'jista' jiġri li kieku l-ktieb kellu jkompli. Għamiltu b'tentattiv biex ninki lill-qarrej. Sabiħ li ktieb jingħalaq imma fl-istess ħin, xtaqt li *Patria* jservi ta' biċċa xogħol riflessiva, apparti li tkun ukoll storja pjaċevoli.

**Dan xogħlok huwa magħmul minn koktejl ta' ingredjenti attwalissimi u jaħarqu. Hemm elementi li żgur se jdarrsu u oħrajn li jistiednu għar-riflessjoni. Għal min hu mmirat rumanz impenjat bħal dan? Taħseb li dawk li huma fil-mira tal-kritika jaqraw xogħol bħal dan jew jinteressahom mill-ktieb in ġenerali?**

Naħseb diffiċli tikkwalifika għal min hu mmirat ir-rumanz. Skont x'nifhmu b'immirat. *Patria*, minkejja li jidher rumanz aggressiv u li għandu fil-mira tiegħu r-razzisti, huwa fl-istess waqt rumanz uman. Jipprova juri l-bniedem bid-difetti u preġudizzji kollha tiegħu relatati mal-immigrazzjoni. Li kellek taqra l-ewwel ftit kapitli u tieqaf hemm, tibda timmaġina li l-ktieb huwa essenzajalment il-fantażija ta' xi moviment liberali u xellugi estrem. Imma ma ridtux jiżvolġi f'hekk biss. Ridt li l-karattri jkollhom storja u dinamika għalihom. Kull protagonist, mill-iktar wieħed importanti, sa min jissemma ftit f'erba' linji kollox, ridtu jkun iġorr storja ta' difetti u emozzjonijiet ta' dgħjufija. Għax nemmen li l-bniedem huwa hekk, wara kollox.

Huwa, ovvjament, immirat li jdarras. Imma ma rridx indarras jew niskandalizza sempliċiment biex inqanqal kurżità. Irrid nipprovka, imma bi skop. Sintendi, is-suġġett tal-immigrazzjoni huwa provokanti minnu nniffsu. Jekk taqrah u tħossok offiż, allura tkun qiegħed, sa ċertu punt, tametti affarijiet mhux tant sbieħ dwar kif taħsibha dwar l-immigrazzjoni. Mhux għax irrid niġġudika, imma r-razziżmu huwa xi ħaġa kundannabbli dejjem.

**X'inhi r-relazzjoni tiegħek ma' kitbiet tal-ġurnalist-kittieb Roberto Saviano, il-kittieb Taljan Primo Levi, u l-politiku Amerikan Tim Holden? Hemm ukoll l-isem tal-kelb Tarantin. Anki dan mhux isem każwali. Xi tgħid dwar dan kollu?**

Xi ħaġa li tgħallimt mill-ġurnaliżmu u mill-ewwel rumanz tiegħi – *Esklussiva Dotkom* – li kull isem u kull kelma jrid ikollha l-piż tagħha. Ġieli, anke biex nagħżel sempliċi isem, nieħu ħafna żmien naħseb x'tifsira jista' jkollu. Mhux għall-qarrej, imma għalija. Fejn naf jien... il-karattru ta' Martin semmejtu hekk għax ommi dejjem kienet tgħid li li kieku kellha wild ieħor kienet ittih dak l-isem. Għalija l-karattri huma wild tiegħi u ħassejt li 'Martin' kellu jieħu rwol importanti.

Dwar Primo Levi, kont mort il-mużew li hemm f'Tel Aviv dwar l-Olokawst. Kien waħħaxni. Għamilna ħames sigħat hemm ġew u ħriġna intertru. U l-iktar ħaġa inkwetanti għalija kienet il-frażi tiegħu,

ipprintjata fuq il-ħitan griżi, li jekk ġrat darba, mela tista' terġa' tiġri. U b'xi mod amalgamajtha mal-istorja tiegħi.

Il-kelb ta' Nikol - Tarantin – semmejtu hekk għall-istess raġuni ta' Nikol stess, għax inħobb il-films ta' Quintin Tarantino. Ir-raġuni l-oħra hi li l-films ta' Tarantino, xi ftit jew wisq bħal *Patria*, jidħlu f'dettall fejn tidħol vjolenza, ir-rittmu li jintuża u anke l-kawża nnifisha fiha similaritajiet. Ma ninsewx li *Inglorious Bastards*, ta' Tarantino stess, huwa dwar rivoluzzjoni kontra n-nażisti waqt l-okkupazzjoni fi Franza.

**Kemm temmen li dan tal-immigrazzjoni mill-Afrika għall-Ewropa huwa Olokawst ġdid?**

Minix se nazzarda ngħid li huwa Olokawst ieħor. L-eżilju tal-imigranti mis-Sirja, eżodu ikrah daqs tat-Tieni Gwerra Dinjija. Hekk iva. Li nara similarità bejn dak li ġara fit-Tieni Gwerra Dinjija u l-kriżi tal-immigrazzjoni hu l-fatt li d-dinja baqgħet indifferenti. Nibża' li hekk qed jiġri bħalissa.

**F'dan ir-rumanz inti tinkludi klassijiet differenti: mill-bniedem li m'għandu xejn għax tilef kollox, sal-ġurnalist, it-tabib, l-uffiċjal tal-ordni pubblika u l-politiku. Ma' dawn torbot (1) l-istedina għal kuxjenza umana u soċjali, (2) it-tingiża soċjali, u (3) it-'tnejjika' ta' dak kollu li hu superfiċjali. Kif jintrabtu dawn flimkien?**

Mistoqsija kumplessa. Imma li qed issemmi hawn, sa fejn naf jien, huma personaġġi li naraw fis-soċjetà ta' kuljum. Kulħadd bl-irwol tiegħu. L-immigrazzjoni hija tema li tolqot il-lista kollha. Li ppruvajt nagħmel f'*Patria* huwa nagħti lok fejn nimraħ minn perspettivi differenti. Eżempju ddedikajt biċċa sew għall-infermiera u l-qbiela. Dawn, bħas-suldati jew gwardjani li jkollhom iħabbtu wiċċhom mal-immigranti, iridu jew le... nimmaġina li jkollhom ftit xi jgħidu huma wkoll. U naħseb, avolja l-ktieb jitfa' lir-razzisti Maltin quddiem bozza, ma rridux ninsew lil dawk li jgergru minħabba dis-sitwazzjoni imma mhumiex neċessarjament razzisti.

**Dr Falzon u l-kelb, il-bniedem li jitkellem mal-annimal. Iffakkarni fil-protagonist (u l-kelb tiegħu Fefu) f'xogħol ta' Oliver Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, li ħareġ f'nofs is-snin tmenin, anki dan xogħol b'tema politiko-soċjali. B'xi mod hemm ukoll rabta ma' rumanz iktar antik bħal *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Ġwann Mamo. X'jorbot ix-xogħol tiegħek ma' dawn? Kemm immaturajna bħala poplu minn dak iż-żmien 'l hawn?**

Il-Tarantin, il-kelb ċkejken ta' Dr Falzon, huwa mmirrat biex jiġbed is-simpatija u xejn iktar. Forsi, l-iktar irwol importanti tiegħu, jaqdih billi jservi ta' widen għall-ħsibijiet ta' Dr Falzon. Ma nistax ngħid li hemm l-ebda ħsieb jew relazzjoni għall-kitbiet li semmejt inti.

**Temmen li l-letteratura għandha twassal messaġġ u mhux biss tkun ta' gost jew biex tqalla' l-fama u l-flus lil min jiktibha?**

Ħa nibda mill-aħħar biċċa. Ma kull awtur li titkellem jgħidlek li l-kitba ma fiha la fama u lanqas flus. Kieku ridt nikteb għall-fama u flus, kont nikteb xi serje fuq it-televiżjoni Maltija. Kienet teħodli inqas xogħol u riċerka. L-ikbar premju, almenu għalija, huwa li javviċinawk in-nies u jgħidulek li ħadu pjaċir u li lanqas qalgħuh minn idejhom.

Issa jekk twassalx messaġġ jew le, ma narahiex prijorità. Ngħid għalija, meta nara film, l-aqwa li jkun għoġobni u għal dawk is-sagħtejn titlifni mhux li jkun wassalli xi messaġġ. Ovvjament, fil-kitba hemm iċ-ċans fejn timraħ u tidħol fil-profond. F'xi waqtiet hekk ippruvajt nagħmel u milli qed jgħiduli s'issa, jekk hemm xi messaġġ x'jasal, qed jasal. Għalija kull sentenza fiha valur. Imma l-importanti li l-istorja tkun kumpatta u tagħmel sens. Hemm ħafna xogħol ta' riċerka involut ukoll u naħseb in-nies tapprezza ċertu dettall.

**F'paġna 71 naqraw, "M'hemmx limitu għall-ġmiel tal-kuluri waqt inżul ix-xemx. L-ebda gwerra, tfal reqdin barra, jew baqar nixfin, ma jnaqqsu mill-ġmiel fi nżul ix-xemx. Sabiħa Għajn Tuffieħa, fix-xefaq tax-Xmara Udeipur, l-Indja, jew qalb id-dwieli infiniti ta' Chianti, l-Italja. Il-kuluri maġiċi tax-xemx nieżla ma jiddiskriminaw lil ħadd; jarawhom sbieħ is-sinjuri, il-fqar, u l-kriminali, dawk b'saħħithom u l-morda." Dan hu lingwaġġ li għandu mill-poetiku u mill-profondità tal-ħassieb. Hawn bħal donnok tfakkarna li tmur fejn tmur fid-dinja dejjem hemm fil komuni, xi ħaġa li tgħaqqadna. Hu dan il-messaġġ ewlieni li jrid jgħaddi dar-rumanz tiegħek?**

Biex il-kitba tkun mexxejja, nemmen li jrid ikollha

element poetiku jew almenu ċertu rittmu. Dan mhux fil-kitba tar-rumanzi biss. Anke fit-titli tal-ġurnali tal-gazzetti. Jista' jkollok għoxrin titlu differenti. Se tagħżel dak li jinstema' ritmatikament sabiħ.

Dan il-paragrafu, almenu għalija, fih sinifikat għax nitpaxxa nara x-xemx hi u nieżla. U dawk il-postijiet li semmejt huwa postijiet fejn kelli l-okkażjoni li naraha fl-isbaħ tagħha. Huma l-isbaħ minuti ta' riflessjoni tal-ġurnata. Kont fortunat li rajt ix-xemx nieżla fuq veduti li jbellhuk. Però, iva, hemm dak l-element ta' li 'ddur fejn iddur, ċerti affarijiet huma l-istess.' Mhux neċessarjament b'mod negattiv. Imma hemm affarijiet komuni li jgħaqqduna. Huwa parti mill-messaġġ tar-rumanz. Imma l-messaġġ tal-kitba, ngħid għalija, huwa biss interpretazzjoni tal-qarrej. Jekk qrajtu u xxukjajt ruħek, tajjeb. Jekk qrajtu u qasamlek ftit qalbek, tajjeb. Jekk qrajtu u dħakt bl-oxxenitajiet, tajjeb ukoll. L-aqwa li ma tfajtux lura fuq il-komodina mingħajr ebda tip ta' emozzjoni jew ħsieb.

**Fil-kitba tiegħek jinħass li inti bniedem li vvjaġġajt sew. Xi tgħid dwar dan? Kemm għenek dan biex tikteb?**

Kelli x-xorti li ndur ftit mhux ħażin, iva. U ħafna drabi fuq volontarjat għax nemmen li huwa l-aħjar mod kif tesperjenza pajjiż u tmur oltre minn sempliċi turist. L-ivjaġġar huwa, fil-fatt, l-ikbar ispirazzjoni. Mhux bilfors il-post, imma n-nies li niltaqa' magħhom u dak li jirrakkuntaw. Fil-fatt, il-kapitli li huma bbażati s-Somalja huma bbażati fuq klinika li konna ngħinu fiha l-Perù, kemm intik eżempju.

L-isbaħ ideat li ġewni f'ħajti ġew waqt li kont qiegħed barra. Meta, kif jgħidu l-Brikkuni, tieħu 'divorzju mir-rutina u torqod fil-fond.'

**Illum il-makabru mhux biss ħaġa fittizja li naqrawha f'xi rumanz, narawha f'xi film jew nilagħbuha fuq Playstation, imma mmissuha b'idejna u nxommuha fil-ħajja ta' kuljum. Anki dan b'xorti ħażina qiegħed lil Malta *alla pari* ma' pajjiżi barranin ħafna ikbar minna. Xi tgħid dwar dan?**

Naħseb li, mhux f'Malta biss, imma xi kultant inkunu fi stat fejn ir-realtà hija iktar assurda minn dak li huwa fittizju. Niftakar meta l-kittieba tas-serje Amerikana *House of Cards* ħarġu jgħidu li ma jafux fejn se jiżvolġu bl-istorja, għax dak li kien qed jiġri wara li tela' Trump kien diġà assurd u kważi ta' barra minn did-dinja. Il-fittizju għandu mir-reali. Dik hi l-verità. Xi kultant ngħid l-ironija tal-ħajja hija saħansitra iktar poetika minn dak li ddum biex tikteb u tiżvolġi f'rumanz.



**Il-bniedem li jasal biex joqtol b'mod makabru bniedem – razzist, kriminal - ieħor f'isem id-difiża ta' min hu dgħajjef. Dan mhux att ikrah fih innifsu? Hemm il-ħażin anki f'dak li jidher tajjeb. Xi tgħid dwar dan? Hija soluzzjoni plawsibbli din biex jinqata' l-ħażen mid-dinja?**

Huwa każ fejn sitwazzjoni estrema tkun tirrikjedi azzjoni daqstat ieħor tal-biża'. Ovvja, ma naqbilx ma' li nagħmlu l-vjolenza biex insolvu l-vjolenza. Naħseb li għandna bżonn mhux iktar dmija, imma iktar rispett lejn xulxin. Forsi għandna bżonn doża ġeneruża ta' umiltà. Li nammettu li l-Għarab, l-Amerikani, il-Lhud, is-suwed u kull bniedem taħt ix-xemx huwa ħuna. U li forsi tajjeb inżommu f'rasna li m'għamilna xejn biex twelidna Malta u m'għandniex dritt divin fuq din l-art.

**X'ifisser il-baħar għalik?**

Il-baħar għalija jfakkarni ħafna f'art twelidi. Inħobb il-baħar u meta nkun barra minn Malta u nara fejn sejjer ngħum, moħħi jispiċċa jhewden fuq kemm f'Malta għandna l-isbaħ ibħra fil-Mediterran jekk mhux fid-dinja. Jagħtini sens ta' vvjaġġar jew destinazzjoni. Ta' misteru u fl-istess waqt kjarifika. Punt ta' riflessjoni. B'relazzjoni mal-ktieb, il-baħar huwa ċimiterju enormi.

**Għaliex it-titlu PATRIA? Żgur li rumanz bħal dan fih doża qawwija ta' patrijottiżmu, kritika kostruttiva, li tista' tinftiehem kompletament bil-kontra. Xi tgħid dwar dan?**

Hekk hu, fil-fatt, it-titlu huwa sarkastiku. Fis-sens li, filwaqt li joffri perspettiva sfortunata ta' x'jagħmilna Maltin, it-titlu joffri ċertu sens ta' kburija li aħna minn dil-gżira. Għalija personali l-patrija ma tfisser kważi xejn. Ma rridx ninftiehm ħażin. Kuntent li jiena Malti u lil dil-art inħobbha avolja mifqugħa difetti bħal partiġjaniżmu politiku oxxen u korruzzjoni li qatt m'hu se naraw it-tmiem tagħha. Imma ma nħossx li l-post fejn twelidt għandu jagħtini tifsira aħjar. Nirringrazzja l-univers li kont xortija tajba u twelidt fuq gżira bla gwerer u fejn m'hawnx faqar estrem – hekk iva. Imma rrid napprezza l-fatt ukoll li m'għamilna assolutament xejn biex spiċċajna twelidna f'dinja privileġjata. Bħal ma għamlu xejn dawk il-povri nies li twieldu f'pajjiż mifni bil-gwerra u l-faqar.

**Il-poplu Malti llum: bejn responsabbiltajiet u indifferenza, u dan anki f'rabta mal-kwistjoni tal-immigrazzjoni irregolari. X'taħseb, dejjem b'referenza għal kliem Tim Holden?.**

Naħseb li bħalissa, sakemm qed nagħmlu din l-intervista, il-poplu Malti għandu jsaqsi lilu nniffsu kif b'mod mirakoluż l-Ewropa għaddiet minn fażi ta' kriżi kbira ta' immigranti u aħna, dil-gżira li qabel kienet tilqa' l-immigranti bil-gzuz, ma waslulna kważi xejn. Ċioè, waslu immigranti, imma mhux bid-dgħajsa imma b'ajruplan u nzertaw mhumiex irġiel u nisa Somali se jaqgħu mal-art bid-dgħjufija, imma nies bajdana u b'karnaġġjon li jixbah ftit lil tagħna.

Miniex se noqgħod ngħaddi xi ġudizzju dwar il-poplu Malti u l-immigrazzjoni. Bħal kull pajjiż fid-dinja hawn min hu ta' ħsieb estrem u jaħseb li għandu xi dritt divin fuq din l-art. L-ironija hi li aħna poplu li niftaħru b'kemm aħna Insara. Imma, m'hemmx x'tagħmel...

**Għandek f'moħħok xi *sequel* għal ma' PATRIA?**

Kważi, kważi, aktar milli *sequel*, aktar immaġinajt nespandi l-istorja permezz ta' *prequel*. Għax fil-ktieb naqraw dwar *flashbacks* importanti bħal ta' Martin fis-Somalja jew Joelle abbord il-bastiment ta' salvataġġ, li naħseb jixirqilhom iktar dettall.

Jiena personali, bħala awtur, dejjem nippreferi li l-qarrej jipprova jagħmel sens mill-passatt tal-istorja. Li tgħallimt s'issa huwa li l-awtur dejjem irid ikun jaf iktar mill-qarrej u jrid ikollu munizzjon ta' storja ferm ikbar minn dik li ġiet trasmessa fuq karta. Għalija l-istorja ta' *Patria* hija ferm ikbar minn dik li ktibt. Qisni kelli l-istorja b'*timeline* partikolari f'moħħi u għal ftit iddeċidejt li nċedi ftit u naqsam parti minnha mal-qarrej. Nemmen li dan jista' jkun wieħed mis-sigrieti għalfejn ktieb ikun tajjeb jew le.




**Pjanti Mediċinali Għawdxin**
**Jikteb Joe M. Attard**

Issa għadda ftit żmien mhux ħażin mindu kont ngħallem il-Malti lill-barranin li jgħixu f'Għawdex. Niftakar waħda minn dawn kienet Helena Szollosy, omm ta' tlett itfal imfarfrin, Boglarka, Aron u Kinga, li jinsabu jgħixu fi Bristol u Londra. Darba fost l-oħrajn ġiet sabitni wara l-kors biex tirringrazzjani u qaltli kemm kellha esperjenza sabiħa matul dan il-kors u qaltli kemm kienet grata li tgħallmet xi ftit Malti, għalkemm fi żmien hekk qasir ma stennietx mirakli iktar u iktar meta tiftakar li din kienet ġejja mill-Ungerija u l-Malti mhux xi lingwa ħafifa. Sirt naf li kienet Fiżjoterapista taħdem kemm fl-isptar tagħna kif ukoll fil-privat; kienet ukoll speċjalista fejn jidħlu l-pjanti mediċinali u sa mit-tfulija kienet medhija u interessata ferm fil-pjanti u l-ħerbs. Għamlet ukoll karriera ta' ħamsa u għoxrin sena taħdem fl-ispiżeriji li jinsabu fis-Slovenia, fis-Serbia, fl-Ungerija pajjiżha u f'Malta. L-hena tagħha fil-kampanja Għawdxija tfittex u tara l-pjanti ta' kull xorta, u tistudjahom mill-qrib. Ma skantajtx meta xi jiem ilu ġiet ferħana tfittixni biex tagħtini kopja tal-ktieb tagħha bl-Ingliż *Weeds for Health in Gozo*.

Din il-pubblikazzjoni tassew preżentabbli (ara riratt tal-qoxra ta' quddiem) tiġbor fiha erbgħin pjanta u ħaxixa li fihom xi tip ta' mediċina. L-awtriċi tirrakkonta li ta' sitt snin, kienet diġà ssibha tiġġerra fil-kampanja tiġbor il-ħaxix, il-fjuri, il-weraq u meta kienu jistaqsuha x'qed tagħmel kienet twieġeb li qed tagħmel il-mediċina. Kif ngħidu bil-Malti il-ġurnata minn filgħodu turik u din it-tfajla iktar ma bdiet tikber iktar bdiet tinteressa ruħha u fis-Sekondarja għażlet li tistudja l-Bijoloġija waqt li tfittex u tiġor kull tip ta' fjuri u pjanti tant li iktar 'il quddiem għażlet il-professjoni tal-Farmaċija.

Helena twieldet u kibret f'Ljubljana fis-Slovenia fejn temmet l-istudji tagħha fl-iskola primarja u wara fil-Vocational College of Pharmacy and Health. Baqgħet tistudja f'Novi Sad fis-Serbia u wara f'Budapest u Szeged ġewwa l-Ungerija. Qaltli li qattgħet ħmistax-il sena taħdem fi Spiżerija ġewwa s-Serbia u kienet tagħmel parti minn Organizzazzjoni Umanitarja matul il-Gwerra u wara, ħmistax-il sena oħra fl-Ungerija taħdem fil-Kemistrija Analitika u ġewwa spiżerija waqt li kienet trabbi lit-tliet uliedha. Iggradwat fil-Homeopathy, Phytotherapy-herbal Medicine u Natural Holistic Therapies. Ma tidhirx li hija mara kwalunkwe!

Issa li rabbiet il-familja u wliedha jidher li sabu posthom, Ms Szollosy reġgħet lura għall-passjoni tagħha u minn mindu waslet Għawdex fl-2013 sabet gżira ta' sbuħija liema bħalha - natura sabiħa u mhix mittiefsa, flimkien mal-paċi. Kien minn hawn li ddeċidiet li tippubblika dan il-ktieb, ġabra ta' erbgħin pjanta li minnhom kollha tista' tilset xi mediċina. Milli nista' nifhem semgħet bi Frenċ tal-Għarb li kif tafu fil-pjanti kien jemmen bi sħiħ u ħafna drabi kien ifejjaq lil dawk kollha li kienu jersqu għandu. Qrat u staqsiet ħafna dwaru! Tistqarr li dan ukoll kien strumentali biex toħroġ dan il-kiteb bl-Ingliż għar-raġuni li l-Ingliż fil-gżejjer tagħna huwa mferrex sew. Kull ħaxixa, kull pjanta fiha xi ħaġa tajba għax in-Natura ma ħolqot xejn għal xejn.

L-awtriċi sssostni li waqt li bosta mill-pjanti u ħaxix ieħor jidhru slavaġ u bla użu, fil-fatt fihom ħafna tajjeb jekk tistudjahom mill-qrib u fil-fond. Bosta

mill-pjanti li nsibu f'dan il-ktieb jiġġieldu lill-influwenza, lill-indiġistjoni, jittrattaw il-ponot fil-wiċċ u f'partijiet oħra tal-ġisem meta mhux ukoll jipprovdu ikla tajba. Ħafna mill-pjanti li nsibu f'dan il-ktieb huma mimlija vitamini, minerali u kwalitajiet oħra li jfejqu l-mard. Il-ktieb jippreżenta dawn il-pjanti billi jurina stampi tagħhom bil-kulur li Helena ġibdet matul il-passiġġati twal tagħha fil-kampanja Għawdxija bħal ngħidu aħna l-blat ta' Ta' Ċenċ, il-blat ta' Saguna, il-kosta ta' Daħlet Qorrot, il-Wied il-Mielaħ u nħawi oħra li fihom marret timraħ din il-kittieba. Qrat ukoll il-ktieb ta' Rev Dr Mons Joe Bezzina dwar il-ħajja ta' Frenċ tal-Għarb u marret ukoll iżżur id-dar tiegħu u l-inħawi fejn kien jgħix.

Apparti l-fatt li Helena titkellem fit-tul dwar kull pjanta fil-ktieb tagħha, hija tagħti wkoll l-oriġini mnejn tnissel l-isem tagħha; biex nagħtikom ftit eżempji: *Borage* li huwa l-'Fidloqqom'', *Capers* li huwa 'Kappar tax-Xewk', *Cape Sorrel* li hija l-'Ħaxixa Ingliża' jew il-'Qarsu', *Crown Daisy* li huwa l-'Lellux', *Egyptian Rue* li nafuh bħala 'Fejġel', *Fennel* li huwa l-Bużbież', *Giant Cane* li huwa l-'Qasab', *Mallow* li hija l-'Ħubbejża, u nista' nibqa' sejjer.

Interessanti li Helena fuq kull pjanta jew ħaxixa tikkwotalna x'kien jingħad fl-antik dwar kull pjanta; x'ġie li qalu l-istoriċi u x'ikkummentaw! Mhux biss imma wara li tagħtina l-istorja dettaljata dwar kull pjanta jew ħaxixa li ltaqgħet magħhom fil-kampanja Għawdxija, tagħtina wkoll riċetta kif tista' tissajjar u tittiekel kull pjanta. Veru ktieb interessanti, forsi mhux għal kulħadd imma għal dawk kollha li jħobbu n-Natura.

Għal min jinteressah l-istudju tal-pjanti mediċinali Għawdxin wieħed jista' jikseb kopja ta' din il-pubblikazzjoni interessanti minn Lotus Centre, qrib Salvina Restaurant fl-Għarb mhux bogħod minn fejn kien joqgħod Frenċ tal-Għarb.

## Leġġenda - Merżuq imdieheb minn tax-Xemx ...

**Tikteb Lina Brockdorff**

Mela darba, għall-ħabta ta' nofsinhar, ix-Xemx bdiet titħasseb għax ħassitha tbaqbaq u mqarqċa aktar mis-soltu. Tefgħet ħarsa lejn il-firxa baħar ikħal nir u frisk, bħal bdiet titħajjar u tixxennaq biex ittaffi dak il-ħruq billi tinżel għal ftit sekondi f'dak l-ilma ċar kristall li beda jistedinha. Fl-istess ħin ma riditx li ċċaħħad lid-dinja mid-dawl, għalhekk qatgħetha li jaqbel li tinżel tberred xi ftit mill-ħruq malli soltu jibda jidlam.

Xħin wasal tmiem il-jum kienet ħerqana biex tagħmel dan, meta ġieha ħsieb f'moħħha. "Mhux sew inħalli d-dinja għal kollox fid-dlam." Ħarset lejn felli Qamar mitfi bilkemm jidher u offrietlu li tibgħatlu merżuq wieħed biss minn tagħha biex hekk hu jiddawwal u jkun jista' joffri ftit tama ta' dawl lid-dinja. Għoġbitu l-idea lill-Qamar u dritt weġibha li hu lest jistenna dak il-merżuq dawl minn għandha. Ix-Xemx dritt ikkuntentatu. Iżda ġara li l-merżuq laqat ma' quċċata miksija xfar ta' muntanja, tfarrak u infirex, tant li nofsu baqa' fuq il-Qamar u beda jdawwal, waqt li l-fdal ġera fl-ispazju tal-univers u fforma l-Kwiekeb.

Lanqas ma nħela għal kollox fuq il-Kwiekeb. Jgħidu, li l-kumplament tal-merżuq spiċċa fid-dinja u jinsab f'għajnejn il-bnedmin. Imma dan jidher biss meta l-bniedem jitkebbes bl-imħabba. Hemm għajnejh jibdew ilellxu u jarmu minnhom dija misterjuża ta' seħer li tiżboq lix-Xemx, lill-Qamar u lill-Kwiekeb!





## Il-Poeżija ta' John Cremona
Jikteb Charles Briffa

### Missier il-poeżija moderna

L-Ewwel Gwerra Dinjija ġabet qasma kulturali fl-esperjenza ta' bosta Ewropej, għax biddlet darba għal dejjem il-mod kif dawn kienu jaraw lilhom infushom, lil għajrhom, u l-forom ta' setgħa kollettiva li kienet taffettwa d-dimensjonijiet intimi tal-ħajja. Parti minn din il-bidla kienet li l-għajn kulturali dawret il-ħarsa tagħha mill-kollettività (eż. ekonomija u rikostruzzjoni) għall-individwalità (eż. relazzjonijiet personali bejn is-sessi). John Cremona (1918- ) huwa prodott ta' din il-bidla u jibda l-karriera poetika tiegħu f'diċennju ppoliticizzat u l-poeżiji li kiteb dik il-ħabta kellhom diġà t-togħma u l-bixra tal-moderniżmu kif normalment jinftiehem hawn Malta.

John J. Cremona twieled ix-Xagħra fis-6 ta' Jannar 1918. Kien il-bniedem importanti li fassal il-Kostituzzjoni ta' Malta, kien Prim Imħallef, u fix-xena internazzjonali nħatar Viċi-President tal-Qorti Ewropew tad-Drittijiet Umani. Hemm aspetti oħra ta' ħajtu li ma tantx huma magħrufin bħar-rabtiet li kellu mal-arti: kien kritiku tal-arti, illustratur tal-kotba għal dar ta' pubblikazzjoni, u studja l-inċiżjoni taħt Carmelo Mangion (1905-1997) fl-Iskola tal-Arti. Imma hawnhekk se nitkellem fuqu bħala poeta ewlieni u nibda billi nfakkar li l-ħila poetika tiegħu wasslet lill-Prof. Fr Peter Serracino Inglott (1936-2012) sabiex isejjaħlu "l-missier tal-poeżija moderna f'Malta".

Cremona kiteb poeżiji bit-Taljan, bl-Ingliż, u bil-Malti, u ħareġ ġabra tagħhom f'*Poesie, Poems, Poeżiji* (2009) u bħalissa qed ifassal ġabra oħra ta' poeżiji bil-Malti.

Fil-poeżija ta' Cremona nsibu, fost oħrajn, it-tliet prinċipji mxandra minn Ezra Pound bħala karatteristiċi tal-poeżija l-ġdida tal-ewwel diċennji tas-seklu 20. Insibu trattament dirett tas-suġġett (ara, b'eżempju, l-għanqud poetiku ta' seba' xogħlijiet li semmieh "Il-Poeżiji ta' Beatrice"), ekonomija ta' kliem (bħal, ngħidu aħna, f'"The Little Things" fejn kull kelma tagħmel xi ħaġa), u sekwenza ritmika (bħalma nsibu f'"La Vecchia Casa" fejn ir-ritmu jiċċarġja l-lingwa b'intensità emozzjonali). Dawn il-karatteristiċi huma parti mit-teknika tiegħu li kien iħaddem fit-tletinijiet u għadu jħaddem sal-lum, għax il-moderniżmu mġedded għadu jsibhom konvenjenti.

### Il-poeżija bħala esperjenza

Għal Cremona l-poeżija hija mezz li bih jegħleb esperjenza. Ir-realtà umana tikxiflu l-eżistenza, u hu jaħtaf dik il-kixfa fil-lingwa ekonomika tal-poeżija. Għandu fiduċja sħiħa fil-poeżija. Jemmen fil-potenzjal tal-poeżija u jafda fiha għall-

interpretazzjoni tal-esperjenzi. It-tifkiriet jimlew il-poeżiji sax-xifer b'assoċjazzjonijiet miżjuda u b'lingwa figurattiva li tibni realtà interna. Għax Cremona jiddependi ħafna fuq il-lingwa figurattiva fil-proċess ta' reifikazzjoni tal-esperjenzi. Pereżempju, f'"Il-Poeżiji ta' Beatrice" insibu "l-ħobż/ sħun taż-żgħożija", "Id-dawl protett/ tal-għodwa nġazza", "ix-xemx tqum/ minn bejn l-imwiet", "kaktus kandelabru/ fid-deżert", u "l-arpa ta' leħnek". Il-potenzjal metaforiku għandu implikazzjonijiet li jaqbżu l-qasam lingwistiku. Il-kognizzjoni u l-metafori huma proċeduri interrelatati li jimmaniġġjaw l-esperjenza. Il-poeżiji ta' Cremona b'hekk jiġu xeni psikoloġiċi, mhux f'sens awtobijografiku biss imma anki għax juru kif l-esperjenzi, il-kognizzjoni, u l-lingwa jirreaġixxu ma' xulxin: interazzjoni li takkumpanja l-moderniżmu bħal tebgħa tat-twelid. Ir-reifikazzjoni tal-esperjenza hija l-pont li tgħaqqad il-lingwa mar-realtà biex bl-interazzjoni ta' bejniethom il-poeżija tidħol fl-għalqa tal-kognizzjoni.

Il-poeta jħossu meħtieġ fir-relazzjoni mad-dinja. Ngħidu aħna, f'"Ħanut tal-Kotba Użati, Richmond", jagħti ħajja lix-"xwejħa tas-soltu": fin-narrattiva tiegħu juri kif f'dan il-ħanut it-tnejn li huma kienu jinjoraw lil xulxin imma mbagħad żviluppaw relazzjoni ħiemda li wasslitu jifhem ftit il-ħajja privata tagħha. Il-poeta jħossu essenzjali fir-relazzjoni ta' dak li ħoloq hu, u dak li joħloq hu jiġi mid-dinja ta' madwaru. Bil-poeżija (li lix-xwejħa tatha ħajja), Cremona bena l-wisgħa bejn l-ewwel persuna singular u x-xwejħa: ingaġġa ruħu f'att ta' komunikazzjoni. U f'għajnejh, ħaġa żgħira kibret f'monument ("The Little Things") li qanqal biċċiet ta' lingwa li saru "frozen marble statues/ in a locked corridor". L-interpretazzjoni ta' esperjenza ssir tifsira solitarja għax kull ħsieb huwa frott tal-perspettiva tiegħu: kull proċess komunikattiv huwa att individwali ta' interpretazzjoni u l-poeżija ssir donnha "the peristent echo" li jibqa' jidwi f'lok solitarju ("lone corridor").

Semmejt in-narrattiva għax fil-konċiżjoni ta' kitbietu Cremona jirrakkonta ġrajjiet bħal dik tal-kelb mejjet "in a knotted sack" midfun f'"shapeless hole" ("Requiem for a Dog"). Dawn iż-żewġ frażijiet jagħtuna dehra tar-rispett li bih indifen il-kelb li jqum minn qabru biex fl-ispirtu tal-ħaġar tal-Imnajdra jintilef fil-baħħ tal-baħar fi tmiem il-jum. Fi Cremona rridu nidraw insibu l-ħafna fil-ftit.

**Minn stħajjil għal mewt**

Fost it-temi frekwenti ta' Cremona nsibu l-mara u l-mewt. "In Morte di Donna" tgħaqqadhom flimkien dawn iż-żewġ temi. Il-mewt ta' mara ġġib qerda ta' ġmiel ħaj. Ġmiel il-mara jitfisser fil-ħajja mimlija ħsejjes u movimenti li jqanqlu l-fantasija li tħaddan sħaħar jixegħlu u jtiru. Imma meta x-xemgħa tintefa, il-ġmiel isir vittma tal-waqfien u tal-ħemda bħal nixxiegħa sigrieta taħt l-art. Il-kuntrast bejn il-ħeġġa, il-ħsejjes, u d-dawl fil-ħajja u l-waqfien, il-ħemda, u l-ħabi tal-mewt jgħaddina (lilna l-qarrejja) minn tqanqil ħaj ta' fantasija għal tifi ta' ħajja f'dak li jsir moħbi. Il-memorji li jħufu 'l barra mill-"earth cubicle" ("The Little Things") isiru "odd phrases" li hu (li għadu ħaj) iqishom monumenti. Imkeffna "in un canto nascosto", il-mejta ma tisma' xejn. Lanqas il-kelb fidil li jmut ma jisma', avolja l-poeta jrid jibqa' jsejjaħlu: "and I called you by name and/ you did not hear" ("Requiem for a Dog") għax il-mewt tneżża' l-identità ta' dak li jkun. Però, fil-mewt ta' ħaddieħor jagħraf il-limiti tiegħu nnifsu ("the last/ limits of me").

Fenomenu interessanti fis-soċjetà Maltija tal-lum huwa l-fatt li fl-iskopijiet interni tal-komunità tagħna ninqdew spiss bil-bilingwiżmu (Malti-Ingliż) kważi fl-oqsma kollha soċjali, ħlief meta niġu għal-letteratura (anzi għall-poeżija) għax kultant jintużaw tliet lingwi (Malti-Ingliż-Taljan). Fl-istess perjodu li ħareġ *Poesie, Poems, Poeżiji*, ħareġ ukoll *Miraġġi Lasalljani: Ġabra ta' Poeżiji*, editjat minn P. Sammut, li jħaddan fih ix-xogħlijiet ta' erba' żgħażagħ li wkoll kitbu bit-tliet lingwi; u bħall-ktieb ta' Cremona, m'hemmx traduzzjonijiet imma hemm xogħlijiet oriġinali bit-tliet lingwi. L-użu tat-tliet lingwi hawnhekk juri l-lokalizzazzjoni tal-imgħoddi kulturali u l-attwalità globali li jikkoeżistu maċ-ċokon ta' Malta. Huma tliet lingwi, però, li juru mentalità waħda u kontemporanja.

B'dawn it-tliet lingwi Cremona jikxef lilu nnifsu u jagħtina speċi ta' awtoritratt li fih hemm il-fantasija tħuf bħal ħares. Naqrah donnu l-bniedem eżiljat internament, mhux tant għax maqtugħ min-nies imma għax donnu l-bniedem solitarju f'folla nies jimmedita fuq it-temi favoriti tiegħu b'etika li tiddependi fuq il-poeżija.




## Patri Dwardu Fenech: Iben Ħ'Attard Professur tal-Malti u tal-Għarbi - It-Tieni Parti

### Jikteb Rigu Bovingdon.

**Il-qasam letterarju:**

Flimkien ma' żewġ ġabriet poetiċi tiegħu bl-ismijiet *Taħt il-Qawsalla Tiegħi* u *Mad-Daqq tal-Arpa*, fil-qasam letterarju huwa kkontribwixxa studju ħafif fuq il-poeżija ta' Rużar Briffa, *Rużar Briffa: Il-Poeta tas-Sbuħija* (1964) u żewġ ġabriet kritiċi ta' poeżija Maltija msemmija *Wirt il-Muża* u *Għas-Sejħa tal-Għana*.

Fl-istess sena 1977 l-Ordni tal-Patrijiet Agustinjani tiegħu stess ħariġlu l-ġabra ta' kritika poetika bl-isem *Wirt il-Muża* bis-sottotitlu *Studji Kritiċi Komparattivi*. F'din il-għażla mill-aqwa poeti Maltin, Dwardu Fenech xebbah għadd ta' poeżiji Maltin ma' poeżiji rinomati mir-repertorju ta' poeti Taljani, Ingliżi, Franċiżi, Griegi u Ġermaniżi.

Aktar kitba poetika tiegħu stess dehret f'diversi rivisti, f'kotba letterarji kif ukoll fl-istampa popolari Maltija.

**Akkademja Agustinjana tal-Istudji Patristiċi:**

Qasam akkademiku ieħor li Dwardu kien imsiehem fih u li forsi ma tantx huwa magħruf għalih kien il-Patristika. Barra milli kien impenjat bħala għalliem l-Università ta' Malta, il-Professur Dwardu Fenech kien imexxi l-Fakultà Akkademika, apparti mill-Università ta' Malta, fl-Istitut Agustinjan il-Belt Valletta. Din il-Fakultà kellha s-setgħa tikkonferi Diplomi ta' diversi gradi akkademiċi fuq dawk l-istudenti li jsegwu l-korsijiet tal-Istitut Agustinjan wara li jgħaddu l-eżamijiet preskritti.

L-istess Istitut kien joħroġ ġurnal akkademiku ta' kull sena b'diversi studji u f'bosta lingwi, miktubin minn studjużi tal-Patristika minn madwar id-dinja. Il-Professur Fenech kien l-Editur tal-ġurnal u tabilħaqq il-fundatur ta' dan l-istitut akkademiku.

Sehem ieħor ta' Dwardu fi ħdan l-Istitut kien ta' amministratur u għalliem. Kien anki jikteb regolarment fil-ġurnal uffiċjali li kien iġib l-isem ta' "Augustinian Panorama". Huma bosta l-kitbiet patristiċi tiegħu li dehru f'dan il-ġurnal. Kienu xogħlijiet ekstra kurrikulari ta' ċertu analisi, tiftix u riċerka u ta' taħbil il-moħħ f'linji filosofiċi u teoloġiċi.

Fost il-ġemgħa ta' studji tal-Patristika li ħareġ fl-istampa, insemmi xi ftit mill-aktar sinifikanti li naf bihom jiena. Dawn jinkludu: "Santu Wistin u l-Istqarrijiet Tiegħu"; "De Fide et Symbolo"; "De Beata Vita"; "De Doctrina Christiana and Lifelong Education"; "Ecstasy in St Augustine"; "Santu Wistin: Pellegrin ifittex 'l Alla"; u "Fid-Dawl ta' Oriġene".

Hawnhekk tajjeb li nsemmi xi xogħlijiet akkademiċi oħrajn ta' Dwardu Fenech li naf bihom jien iżda li s'issa baqgħu biss manuskritti.

Il-qasam li fih kien impenjat mhux ftit bħala l-Professur tal-Għarbi u Kap tad-Dipartiment tal-Għarbi fl-Università ta' Malta kien dak tal-Istudji Għarbin. Naf li kien ħejja diversi monografiji fuq il-fonetika Għarbija u kellu sensiela ta' studji fuq l-arkeoloġija Eġizzjana, fuq id-drama Għarbija moderna, oħrajn fuq il-folklor Għarbi, in-novella moderna Għarbija u xi kitba fuq il-poeżija Għarbija. Ukoll għandi f'moħħi li xi mkien kont ilmaħtlu xi

kitba fuq il-Lingwistika tal-Għarbi.

Nistħajjel li fil-kunvent tal-Agustinjani l-Belt, fejn il-Professur Patri Dwardu Fenech għadda parti kbira minn ħajtu ta' reliġjuż, hemm ġemgħa ġmielha ta' kitbiet tiegħu li, wieħed jittama, almenu jekk ma jinħarġux fl-istampa, dawn ikunu disponibbli għall-istudjużi.

Biss biss naf li teżisti ġabra oħra kritika tal-poeżija Maltija li fiha kien daħħal għadd ta' poeżiji tiegħi stess flimkien ma' numru ta' poeti Maltin oħrajn. Fis-sajf tal-2005 kien għaddieli abbozz tal-istudju dwar il-poeżiji tiegħi wara li kien ippreżentahom fi programm letterarju radjofoniku tal-PBS ta' Malta. Kienet sorpriża pjaċevoli mhux ftit għalija li l-Professur tiegħi tal-Għarbi kien ħa tant interess fija li inkludieni f'dik il-ġabra li kien bi ħsiebu jippubblika. Skond kliemu stess lili, kien bi ħsiebu joħroġhom f'volum kritiku ieħor ta' *Għas-Sejħa tal-Għana*. Iżda kif jgħid il-Malti, "il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi"; l-għaref skular tal-lingwi, il-Professur Dwardu Fenech li twieled Ħ'Attard fl-1933, ħalla din il-ħajja bla mistennija nhar il-5 ta' Awwissu 2006.

Tkun wirja ta' rispett u konoxxenza konsiderevoli min-naħa tal-Ordni Agustinjan Malti li kieku din kellha toħroġ dan il-volum f'ġieħu!

B'din il-kitba ddokumentata tiegħi nittama li almenu Ħ'Attard, ir-raħal nattiv ta' dan il-professur għaref, jibqa' jiftakru b'xi ġieħ pubbliku f'ismu billi forsi jsemmi xi lokal tar-raħal għalih taħt l-isem: il-Professur Patri Dwardu Fenech – Lingwista Prim jew xi titlu simili ta' inqas tul.

**Biblijografija**

**Xogħlijiet ewlenin tal-awtur –**

1964 – *Rużar Briffa*, Ġabra Agustinjana ta' Qari għal Kulħadd – 1, Kulleġġ Santu Wistin, Tarxien
*Mad-Daqq tal-Arpa*, Ġabra Agustinjana ta' Qari għal Kulħadd – 11, Kulleġġ ta' Santu Wistin, Tarxien
*Taħt il-Qawsalla Tiegħi*, Ġabra Agustinjana ta' Qari għal Kulħadd – 111, Kulleġġ ta' Santu Wistin, Tarxien
1976 - "In-natura lingwistika tat-traduzzjoni", Edward Fenech, Leħen il-Malti, Għadd 20, Għaqda tal-Malti (Università), pp.31-32, 1976
1977- "Developments of the Maltese Baby Language", Orbis – Bulletin International de Documentation Linguistique, Tome XXVI, No1, Center International de Dialectologie Générale de L'Université Catholique Néederlandaisae de Louvain
- *Vassalli u Kitbietu*, Provinċja Agustinjana Maltija
*Wirt il-Muża, Studji Kritiċi Komparattivi*, Provinċja Agustinjana Maltija
1978 - "Contemporary Journalistic Maltese, An Analytical and Comparative Study", E.J.Brill, Leinden
"Three Functions of the Dual Suffix in Maltese", Journal of Maltese Studies, Faculty of Arts, University of Malta
1980 - *Għas-Sejħa tal-Għana, Studji Kritiċi ta' Poeti tas-Seklu XX*, A.C.Aquilina
1981 - *The Study of Maltese Dialects in the Past*
- *The Phonology of Gozitan Dialectal Maltese* (with J.Aquilina & B.S.J. Isserlin), *A Survey of Contemporary Dialectal Maltese*, Vol.1, Leeds University Printing Press
- "Maltese Religious Terminology of Semitic Origin", Oriental Studies, E.J.Brill, Leiden
1983 - *L-Ortografija Moderna, Ġabra Agustinjana ta' Gwidi għall-Istudenti – 1*, Kulleġġ Santu Wistin, Pietà
1984 - *Aspetti Stilistiċi tal-Poeżija ta' Dun Karm*, Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar, L-Università ta' Malta
- *Santu Wistin: Minn Tagaste sa Milan*
- *Santu Wistin: Pellegrin ifittex 'l Alla, Santu Wistin u Żminijietu*, Librerija Preca
1985 - "Augustine's De Doctrina Christiana and Lifelong Education", Augustinian Panorama, Augustinian Institute, Faculty of Patristic Studies, No 2
1986 - "Augustine's De Beata Vita", Augustinian Panorama, The Augustinian Institute, Faculty of Patristic Studies, No.3
1987 – *Fid-Dawl ta' Oriġene*, L-Istitut Agustinjan, Fakultà tal-Istudji Patristiċi, Nru.1
- *Introduzzjoni - Id-Disa' Ktieb: Minn Milan sa Ostja Tiberina, Santu Wistin u l-Istqarrijiet Tiegħu*, L-Istitut Agustinjan, Fakultà tal-Istudji Patristiċi, Nru.2
- "Augustine's De Fide et Symbolo", Augustinian Panorama, The Augustinian Institute, Faculty of Patristic Studies, No.4
- Hugolinus M. Gatt, Apprezzament
1988, 89, 90 – A Tribute to Paul M. Spiteri, OSA
- "Ecstasy in Saint Augustine", Augustinian Panorama, The Augustinian Institute, Faculty of Patristic Studies, Nos. 5, 6, 7
1998 - *Lingwistika Ġenerali, Studji Lingwistiċi tas-Seklu XX*, Provinċja Agustinjana Maltija

**Leħen il-Malti, Għaqda tal-Malti (Università):**

1970 - *Il-Ġifen*, Nru.14
1971 - Tweġibiet bla Sudisfazzjon fil-Malti u fl-Ingliż, Nru.16
Il-Kelma fil-Ħsieb ta' Santu Wistin, Nru.16
- Gradi ta' Verità, Il-Malti, Ġunju, pp. 38-40
1973 - *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġużè Galea, Il-Malti, Marzu, pp.23-28
1976 - In-Natura Lingwistika tat-Traduzzjoni, Nru.20
1977 - Il-Professur Aquilina li Bena u Mexxa l-Katedra tal-Malti, Numru Speċjali

**Il-Malti, L-Akkademja tal-Malti:**

1957 – Santu Wistin fil-Ħsieb u l-Qalb ta' Dun Karm, Settembru-Diċembru
1972 - Ninu Cremona, Marzu-Ġunju
1976 - "In-Nissieġa" ta' Dun Karm u "La Tessitrice" ta' Giovanni Pascoli, Il-Malti, Ġunju 1976
1979 - Kontemplazzjoni u Apostolat f'Tagħlim San Tumas ta' Akwinu, Settembru-Diċembru,
Journal of Maltese Studies, Fakultà tal-Arti, L-Università ta' Malta :
1993 - It-Taqsim Ewlieni tal-Kitbiet ta' Vassalli, Nos. 23-24

**Manuskritti mhux ippubblikati:**

1981 – Il-Fonetka Għarbija
- Il-Folklor Għarbi
1993 – L-Arkeoloġija tal-Eġittu
1993-95 – Novelli Moderni Għarbin
- L-Istudju ta' l-Għarbi f'Malta
- A Comparative Linguistic Study in the translations of the Gospels according to St John, with special reference to Maltese and Arabic

**Kitba f'gazzetti u ġurnali ta' Malta:**

It-Torċa
Il-Ħajja
In-Nazzjon
Il-Mument
Sunday Times
The Times

**Kitba dwar l-awtur u/jew kitbietu:**

1979 - Dwardu Fenech, OSA, Vassalli u Kitbietu, Ġużè Cassar Pullicino, Il-Malti, Marzu-Ġunju, pp.27-30
1997 – *Maltese Biographies of the Twentieth Century*, Eds. Michael Schiavone & Louis Scerri, Pubblikazzjonijiet Indipendenza
2004 - Dwardu Fenech: Lingwista u Lingwistiku, Rodrigu Bovingdon, The Maltese Herald, 14 Diċembru, p.17
2006 - Rev Dwardu Fenech, O.S.A. (1933-2006), internet
- Il-Professur Dwardu Fenech, Serje Melitensia – Ġabra bijografiji riċerkati ta' studjużi tal-Malti, Roderick Bovingdon, Radju SBS, Awstralja
2009 - *Dictionary of Maltese Biographies*, Vol.1, A-F, Michael J.Schiavone, Pubblikazzjonijiet Indipendenza
2013 – Dwardu Fenech: Skular Kbir ta' Lsienna, Roderick Bovingdon, The Maltese Herald, 16 April, p.8
- Fil-mewt tal-għaref Dwardu Fenech, Rodrigu Bovingdon, The Maltese Herald, Sydney
2017 - Nibnu l-memorja flimkien, 'Ħolqa Bejnietna', Roderick (Rigu) Bovingdon, il-Ġurnal tal- Agustinjani Maltin, 2017



## IT-TENNIS – rakkont ta' John Consiglio
## It-tieni parti

Bella Cunningham tqaxxar saqajha. Dan jiena wasalt għalih minn kemm għandha xagħar taħt dirgħajha, mix-xagħar skur fuq dirgħajha, u mid-dell tal-ħamsa ta' filgħaxija taħt imneħirha. "Għaliex Bella", darba staqsejtha, "dejjem tinsisti li tilbes ilbies tat-tennis tant ikrah?"
"X'inhu?" weġbitni, "Anzi deherli li dan pjuttost jixraqli."

Anqas għal mument ma ridt li ma nkunx ġusta ma' Bella, iżda naħseb li rnexxieli ndaħħlilha xi ftit missens ta' sorpriża u awtoanaliżi li tant kellha bżonn tagħhom das-sajf, għalkemm il-karattru karitatevoli tiegħi ma ħallinix li nkun daqstant onesta daqskemm suppost li kelli nkun. Dik, minn dejjem, kienet is-sitwazzjoni problematika fil-ħbiberija twila tiegħi ma' Bella Cunningham. Għandi ngħidilha dak li verament naħseb dwarha? Għandi nkun miftuħa u nkellimha bħal ħabiba ma' oħra? Dejjem hekk kienet is-sitwazzjoni. Iżda f'dawn l-aħħar ftit snin dan qed inħossu fuqi qisu piż ta' responsabbiltà. Sa ċertu punt aħna lkoll responsabbli għall-imġiba tal-ħbieb tagħna. Sta għalina li nżommuhom milli jidhru ridikoli f'għajnejn dawk li ma jħobbuniex.

"Dawk ix-*shorts* bil-frilli" għedtilha, "Ara, tajbin għal Miss Virginia Wade, jew Miss Martina Navratilova, iżda nibża' li ma tantx jixirqu lil Miss Cunningham."
"Nispera li mintix tissuġġerixxi" qaltli – u negattiv fuq xufftejn Bella meta qed tħossha mkabbra hija bħal theddida - "li mintix tissuġġerixxi li jiena wasalt fl-età li nilbes qalziet twil biex nilgħab."
"Le, anqas għal mument. Iżda ħares ftit lejk. Hemm", fakkartha, "qisha bħal… speċi ta'… liwja' f'riġlejk."
"Liwja?" Ħarset 'l isfel lejn riġlejha. "Jiena mgħandix saqgħajja mwaġġgħin!"
"Irkupptejk" indikajtilha, "ma jmissux meta inti tieqaf dritta. Mhux hekk?"
Ġibdet riġlejha flimkien, u ħarset 'l isfel. "Le, ma jmissux". U ma stajtx niddeċiedi jekk leħinha kienx wieħed ta' karba jew ta' sbruffatura.
"Min jaf kieku kellu jarak xiħadd?"
"U dan min ser jagħmlu, dan?" staqsiet.

It-tweġiba tagħha kellha l-effett li ħawditni. Kienet tweġiba vera. Il-Klabb mhux soltu li jkun hemm xi ħafna nies fih. F'ċertu sens anqas għadu klabb tat-tennis. Il-ġardinara tal-Macleans' iżommuh dejjem nadif, izda din il-ġenerożità min-naha tagħhom aktar qed issir tidher bħala favur speċjali lilna, milli lejn il-Klabb tat-Tennis. Fuq il-karta għandna tnejn-u-għoxrin membru, iżda rari narawhom. Il-binja tal-klabb m'għadhiex li kienet, iżda aħna inżommuha nadifa u xierqa kemm nistgħu.

Fortunatament nifilħu għal din l-ispiża. Minn żmien għall-ieħor rajna provi li t-tennis ilu jintlagħab sa minn anki l-wasla tagħna f'dan il-*court*. Hemm u hawn tara tiġri xi landa qadima ta' xi xarba, ħaxix mgħaffeġ, ballun li żgur mhux wieħed minn tagħna, xi karta minn xi pakkett ta' *tissues*, dawn kollha jikxfu l-għawar. Ma nistgħux ma nagħtux każ ta' xi xibka mgerrba mitluqa bl-addoċċ f'xi rokna tal-Klabb. Meta staqsejna lill-ġardinara tal-familja Maclean dawna infurmawna li t-tali u t-tali kienu qed ikunu hemm, u żgħażagħ kienu qegħdin japprofittaw ruħhom mis-sħubija fil-klabb tal-ġenituri tagħhom. Kien ikollok bżonn taċ-ċwievet, waħda biex tiftaħ il-grada fil-ħajt, oħra biex tiftaħ il-grada fil-*court* innifsu, u t-tielet waħda għall-bieb tal-Klabb. "Xiħadd", għedt, "jista' jkun qed jippassiġġa l-kelb. U tfal spiss jiġu jilagħbu f'dawn l-akkwati. Kulħadd jista' jarak."

"Donnu anqas inbidel. Qisu ghadu l-istess, hux hekk DeLancey?" Hekk lissnet l-ex-Devorgilla Cunningham lir-raġel tagħha meta ġew iżuruna is-sena l-oħra. Kienet rijunjoni tal-isportivi tat-tennis. Is-serata l-ewwel bdiet b'partita ġentili bejn dik il-koppja minn Boston, Mass. Kienu qishom għarus u għarusa qed jagħmlu l-ewwel żifna fil-ħajja miżżewġa tagħhom. Dak il-*court* ifisser wisq għalihom. Ilkoll ċapċapna bil-parti r-ratba ta' jdejna, anki jekk il-livell tat-tennis kien diżastru assolut. Diversi membri tal-klabb irnexxielhom ikaxkru lilhom infushom minn djarhom biex ikunu preżenti. Ħbieb ta' Devorgilla li kienu jgħixu mkejjen oħra tfaċċaw għall-okkażjoni. Kellna logħba tal-*mixed doubles* wara li l-O'hares temmew il-partita importanti tagħhom.

"Bella, f'ġieħ is-sema, hemm għalfejn?" Mhux jien għedt hekk, għax jiena kont ferm imdorrija bis-*service* barbariku ta' Bella, u dak it-teħid ta' pożizzjoni wieqfa u riġida tal-ispallejn bin-nifs jonfoħ profond qabel ma tfajru, iva hi… dik tal-ħadid u t-taħrig iebes fil-*gym*. Is-Sinjura O'Hare ippruvat l-aħjar li setgħet, iżda ċediet, u qalet li ma kinitx għadha tista' tkampa mal-interpretazzjoni



vendikattiva tal-logħba minn Bella. U anqas is-Sur O'Hare li, sa tmiem is-serata kien bla dubju f'dik il-'forma pessima' li ammetta. Kellu anki bżonn kbir li jintelaq biex jirkupra, xiħaġa li mill-ewwel għamel meta erġajna lura lejn Craigenmun.

"Aktar naħseb", lissint bil-mod lil Bella fuq il-*court* dak in-nhar filgħaxija meta kienu qed jilagħbu l-O'Hares, "li inti qed tbati bl-għejra."
"Ċiss", qaltli, "Taf li dak eżattament dak li deherli qed nara fuq wiċċek."

Meta jgħaddi l-istaġun tagħna tat-tennis, aħna mmorru flimkien għal btala. Għal xi snin konna mmorru Aix-en-Provence fejn it-tennis f'Settembru huwa tabilħaqq pjaċir. Darba minnhom konna bilqiegħda wara l-ikla ta' filgħaxija wara li konna lgħabna partita *doubles* iebsa kontra żewg nisa Franċiżi. "Ma stajtx inżomm lura d-daħq meta qalu li qegħdin hawn għall-iSpa," għedtilha.
"Iżda sorprendentment huma *players* tajbin," qalet Bella.
"Inti lgħabt pjuttost tajjeb", għedt. Bella kienet suspettuża lejn dan il-kumpliment. "Ħasra li ma setgħux jiġu jieklu magħna. Kien ikun sabiħ kieku nistgħu nerġgħu nilagħbu kontriehom."
"Iżda mhux ser jerbħu lilna", qalet Bella, b'ċertu sodisfazzjon.
"Kemm inħoss il-vojt tal-*court* taghna meta nkun 'il bogħod minnu", għedtilha. "Inti wkoll?"
"Iva, anki jien", qalet, b' dak iċ-ċertu ton friġidu ta' meta nkunu se nsemmu xiħaġa personali.
"Speċjalment bħal daż-żmien fis-sena, meta l-ewwel weraq tal-ħarifa jibdew neżlin u jtiru fuq wiċċ il-*court*."
"Inti taf tkun sentimentali ħafna meta titkellem fuq dak il-*court*." Bella fliet il-menù. Nies b'aptit bħal tagħha spiss jehdew jaqraw, u jerġgħu jaqraw, il-menù wara l-ikla, ġa bi ħsiebhom dwar dak li ser jagħżlu x'jieklu l-għada. "Le… iva… għandek raġun. Bħal daż-żmien tas-sena inħoss vojt għalih. Nibda naħseb dwaru bħal qisu qed jistrieħ, jew irid jinħeba bħal xi annimal li jidħol f'ħofortu tul ix-xitwa. U ma nafx hemmx x'wieħed jieħu gost b'dan", qaltli irrabbjata, "sempliċiment għax nammetti li għandi ċerta namra mat-tennis *court* tagħna."
"Ikolli ngħid li fl-aħħar mill-aħħar dawk il-Franċiżi ma tantx ħadu gost bina. Veru tajniehom logħba iebsa," tbissmet u lissnet Bella, aktar minn imnifsejha milli minn ħalqha.
"Qalbi, jiena ngħidlek li bdew jobogħduna. Ma naħsibx li huma mdorrijin jitilfu."
Għal mument qsamt magħha dak il-ħsieb, imbagħad għedtilha, "Isma' jiena ma kontx qed nogħxa, tafx. Sempliċiment ħassejtni kuntenta li inti kont qed tħossok bħali." L-assigurazzjonijiet tiegħi ma deherx li kienu qed jissodisfawha. Għal snin sħaħ ili nħammem jekk nistax nasal aktar 'l hemm fit-tfittxija tiegħi dwar in-namra komuni tagħna t-tnejn mat-tennis *court* tagħna. Naturalment dejjem kont naf xi tħoss Bella, iżda hi ma hix it-tip li tistqarr fil-miftuħ dak li tkun qed tħoss. Wieħed spiss irid jagħlaq mhux għajn waħda għaliha. Issuktajt. Kienet f'burdata tajba, b'rebħa importanti għaliha, biex ma nsemmux ikla eċċellenti, aktar minn xarba waħda ta' nbid aħmar Cotes d'Aix (li ta' minn wieħed jirrikmandah!)
"Għandi din it-tifkira sabiħa tal-Pollakki," għedtilha, "Irġiel tant edukati, gustużi,… u mdejqa. U anki tal-Amerikani u l-Kanadiżi. Tiftakar?"
"Għaliex?"
"Inti tant tixbahni", għedtilha, "Imma qatt m'inti ser tasal li tammettih dan." Ħsibt li ser tiżbranani b'ċaħda kbira. Minflok, ma qalet xejn, sempliċiment għolliet spallejha. Meta tgħolli dawk l-ispallejn,

spallejn wiesgħa, skoss bħal dak jidher ħafna u jfisser ħafna.  Konna xi għaxar t'ijiem 'il bogħod mill-*court* taghna – li fuqu l-ħaxix kien qed jitwal u l-weraq itir 'l hawn u 'l hinn u jiskura – u għedt li Bella forsi setgħet tkun fil-burdata li tħallini ngħid li rrid mingħajr ma toqgħod twissini u ċċanfarni kull darba.
"Aħna rridu nerġgħu mmorru lura hemmhekk malajr, hux hekk?"
"Ħadd", qaltli, "ma qatt imur lura."
"Le, veru, forsi iva, qatt. Imma nixtiequ. Dak hu l-punt. Ġieli," għedtilha, "għaddieli minn moħħi li aħna żewġ tfajliet li qed nixjieħu, imwaħħdin hemm madwar dak it-tennis *court*, fit-tama li jerġa' jkun hemm Gwerra oħra. Ma jbeżżgħekx dan il-ħsieb?"

B'sorpriża għalija Bella kienet għadha qed tismagħni, rasha inklinata 'l boghod minni, stennejtha li tgħidli nagħlaq ħalqi u ma noqgħodx ngħid tant ħmerijiet. "U mbagħad il-Pollakki jerġgħu jibdew jinżlu bir-roti tagħhom. U jkun hemm il-*Fleet Air Arm* tal-Ingliżi, in-*Navy* Amerikana, u d-diversi DeLancy O'Hares ta' did-dinja. Insomma", għedt, "Naf li forsi belha, iżda hekk inħoss."
"Kultant hekk nibda nħoss", żidt, għax ma ridtx li hija taħseb li jiena nħoss u nirraġuna hekk ta' spiss. Hemm dik li ngħidulha diskrezzjoni, anki bejn ħbieb antiki. Gidmet xufftejha t'isfel u rnexxielha titbissem fl-istess ħin ta' daħqa żgħira. "U int?" staqsejtha. Dik kienet il-mistoqsija d-diffiċli.
Ħsibt li ser tibda tibki, iżda jiena ma nemminx li Bella qatt tasal biex tibki f'restorant pubbliku. "Mhux spiss, mhux spiss. Iżda iva kultant jiena hekk inħoss ukoll."

Hemm. Kont għedtha. U kelli raġun. Ma nafx in-nies x'kienu jibdew jaħsbu dwarna kieku rawni ntawwal idi biex inżomm id Bella, dik l-id li, stajt nara, kienet maħruġa hemm, fuq id-dvalja bajda….. tistennieni.

## It-tema tal-Familja fir-rumanz *Vaganzi Sajfin* ta' Alfred Massa.

### Kitba ta' Amanda Busuttil

Il-kittieb Ingliż Charles Dickens (1812-1870) fil-ktieb tiegħu *David Copperfield* li nkiteb fis-sena 1850, jgħid: 'Accidents will occur in the best-regulated families'. Massa jippreżentalna l-ħajja ta' Jenny u żewġha Michael imrobbijin b'valuri reliġjużi u f'għożża kbira minn familthom. Idaħħalna wkoll fil-familja ta' Martin u Marisa u wliedhom George u Thomas. Naraw kemm dak li qal Dickens fil-fatt jappella għal dawn il-familji u dawk li b'xi mod messew mal-ħajja tagħhom.

Fl-ewwel kapitlu tal-ktieb naraw li l-koppja Jenny u Michael juru x-xewqa li jkollhom l-ulied. Meta Michael jara lil martu titnikket u b'qalbha maqtugħa, joħroġ bl-idea li jsiefru f'Lourdes biex b'hekk f'din l-art tal-Madonna, Jenny tintela aktar bi spirtu ta' fidi u mhux ta' qtigħ il-qalb.

Fit-tieni kapitlu, l-awtur beda jurina li mhux għax trabbi lil uliedek tajjeb għandu jkollok xi garanzija li dawn ser jitilgħu sew kif tridhom u tkun ippjanajt int. Marisa u Martin għandhom żewġ ġuvnotti. Thomas magħmul kwiet u tal-ġabra waqt li ħuh għall-kuntrarju, tih il-ġiri barra u l-ħajja mtajra fix-xalar bla rażan.

Massa jġagħalna naħsbu sewwa dwar il-kriżi ta' din il-ħajja moderna li tippreżenta sfida serja fi ħdan il-familji Maltin. Din qed tiffaċċja piżijiet tqal bil-komportament ta' bosta żgħażagħ li jġibu ruħhom b'mod egoistiku ma' min iħobbhom u jkun ta ħajtu għalihom. Ma' din il-kriżi, Massa jorbot ukoll il-fenomenu tat-teknoloġija tal-lum, il-midja soċjali li ħadet post il-ħin tal-komunikazzjoni fil-familji tagħna u saret tokkupa l-ħin ta' bosta żgħażagħ.  F'paġna ħamsa u tletin Massa jaċċenna għall-bidla fiż-żmien u d-drawwiet tagħna l-Maltin.  Permezz tal-kompjuter, George jagħmel ħbieb ma' Christopher u Elsie, żewġ żgħażagħ Ingliżi u bla ma jikkonsulta mal-ġenituri li ser iġib lit-tfajla d-dar, fattarha li jistedinhom għal btala f'pajjiżna.

Il-wasla ta' dawn it-tnejn iġġib magħha bosta problemi, kawża ta' nuqqas ta' ppjanar minn dan il-ġuvnott moħħ ir-riħ li qajla jagħti kas tal-pariri mill-

ġenituri tiegħu. Saħansitra l-mawra tagħhom tispiċċa bi traġedja għall-ġuvni Christopher. Dan il-fattur ikompli jitfa' f'baħar ta' nkwiet lil Marisa u lil Martin, li kellhom kontra qalbhom jaċċettaw li t-tfajla Ingliża torqod taħt is-saqaf tagħhom u l-ġuvni jorqod f'pensjoni, minħabba nuqqas ta' spazju fid-dar.

Din l-influwenza barranija tkompli xxekkel lill-familja ta' Martin u martu. Aktar 'il quddiem fir-rumanz, George juri niket f'qalbu li għalih jagħżel li jħalli Malta u jmur isib xortih f'belt barranija. L-omm teħodha ħażin ħafna din l-aħbar li wliedha filli magħha u filli ser jitilqu t-tnejn, peress li hawn naraw lil Thomas jieħu l-istat taż-żwieġ mal-Ingliża Elsie. Missierhom Martin iwaħħalha f'rasu illi l-kawża tat-tluq ta' George mhix għajr Elsie nnifisha għax jaħseb li tkun nibtet l-għira bejn iż-żewġ ġuvintur li riedu l-istess mara. Saħħet l-omm tiddgħajjef ukoll waqt dan iż-żmien li anki ħtiġilha tmur l-isptar.

Però hawn naraw biċ-ċar illi l-familja li tkun investiet f'pedament sod f'uliedha, issibu żgur fil-ħajja fil-waqt tal-prova. George jiġi lura minnufih wara li jisma' li ommu ma kenitx tajba u hu jkun id-duwa li kellha bżonn din il-mara li tat ħajjitha għall-familja tagħha.

Is-suwiċidju ta' Christopher kien fattur ieħor li affettwa ħażin il-ħajja ta' din il-familja, għax George flimkien ma' Elsie li baqgħet tgħix magħhom, jiġu interrogati mill-pulizija, imma b'xorti tajba jiġu meħlusa minn kull suspett li seta' kien fuqhom f'kapitlu ħdax. Dan l-episodju kompla jixħet dalma kbira fil-familja tiegħu li ħajjithom inqalbet ta' taħt fuq. Biex tgħaxxaq l-inkwiet għandu ħabta jiġi f'salt. Marisa u żewġha kellhom xokk f'kapitlu tmienja għax l-għajbien ta' Christopher u Salvu jiġru fl-istess żmien f'każi paralleli.

Fil-familja ta' Michael u oħtu Veronika naraw ukoll li meta Jenny u żewġha jieħdu lil oħtu magħhom fis-safra, din tieħu grazzja mat-*tour leader,* Andrew. U jiġri li tibda tiltaqa' miegħu minn wara dahar il-ġenituri tagħha. Hi jkollha biża' li dawn ma japprovawx din l-għerusija, għax hija kienet tħoss rabta kbira ma' ommha u missierha peress li kienet tieħu ħsieb il-faċendi u l-bżonnijiet tad-dar.

Robert H. Schuller kien qal 'Problems are not stop signs they are guidelines'; u tabilħaqq dan il-kliem jgħodd għall-familji f'din l-istorja ħelwa li Massa niseġ. Il-ħajja ta' dawn iż-żewġ familji tikkalma mill-maltempati li nqabdu fihom, fiċ-ċirkostanzi tagħhom u fuqhom terġa' tiżreġ ix-xemx ta' jiem bnazzi. Ir-rumanz jagħlaq b'xenarju mill-isbaħ tal-familja tipika Maltija. Donnu li tabilħaqq il-karattri kollha li kienu fi kriżi ma tkissrux wara l-problemi li sabu ruħhom fihom, imma baqgħu jistinkaw u tgħallmu minnhom.

Jenny u Michael ikollhom tifla li tissemma għall-Madonna. Jagħmlulha festin u l-familji jiltaqgħu u kulħadd jifraħ b'xulxin, kif nagħmlu aħna lkoll f'avvenimenti familjari. Elsie u Thomas ikomplu jallegraw liż-żewġ familji meta ġie mħabbar li huma wkoll kienu qed jistennew tarbija. U fl-aħħarnett, l-aktar żewġ żgħażagħ li ħajjithom ma kenitx ward u żahar u għaddew minn bosta tensjonijiet u saram, George u Veronika, nintebħu li jinġibdu lejn xulxin u jingħaqdu bħala koppja. Dan iġib tmiem feliċi fir-rumanz u jkompli jurina kemm Alfred Massa għandu għal qalbu l-għaqda fil-familja u jgħidilna li m'hemm xejn isbaħ u akbar mill-valur tal-imħabba fi ħdanha.





## LAQGĦA MA' POETA RUMEN

***Dorin Popa** is a Romanian poet and writer. Professionally, he serves as professor teaching Journalism and Communication Sciences at Alexandru Ioan Cuza University of Iasi, Romania. He published more than 10 poetry books, many of them distinguished with national and international literary prizes. He authored many volumes of Journalism and Mass Media studies and published scientific articles in journals home and abroad. He worked as a journalist for many publications, radio and TV stations, mostly on cultural issues. Dorin Popa was invited to many prestigious literary meeting, among others The International Poetry Festival in Medellin, Columbia. He is member of the Romanian Union of Writers and other national and international associations.*

## SELF PORTRAIT

all that I could touch
and I do not

all that I could understand
and I do not

all that I could be
and I am not

## NOBODY UNDERSTANDS ANYBODY

so many times I had absurd claims
I thought my soul was a perfect radar
for your steps, your breath
your weeping

with ardour and love we could
finally reach in peace the other's skin
if we didn't discover with disappointment
that we are the prisoners of our epidermis

and your singing, and your weeping, and your look,
the emotions, the incomparable and your dreams
all of them are mine for ever

tearfully, crying, I hold you hopelessly
I embrace you like I'll never embrace you again
you exist in me deeper than in your heart
and shaken, I whisper to you from a distance
- nobody has ever understood
anybody !

## MY DEATH – MY LIFE

had things not hit me
with such fury
I might not have seen them
I might have never cared about
them
my sadness – my joy

sometimes I am allowed to see
how evil mingles with good
how from their combination
everything comes to life
my death – my life

I would have never found the way to you
if I hadn't wandered about
if so many nights hadn't blinded me
if I hadn't found comfort in loneliness

sometimes in the middle of the tempest
deep silence overwhelms me
and while I am hit, battered and slashed
I can see in silence
how my death feeds my life



## ŻEWĠ KITTIEBA U POETA MIS-SLOVAKKJA

**Gustáv Murín** (born 9th April, 1959 in Bratislava) published 48 books (in 8 differenti languages): novels, novellas, books of non-fiction, collections of short stories, a book of interviews with three famous comedians, a biography of a famous Slovak chef, travel stories and essays. He received numerous literary awards including for most selling book of the year 2009 in Slovakia. Sales of his books reached together more than 180,000 copies. Published 32 E-books, 9 audio-books, 7 DVDs and 2 in Braille letters. Author of 302 stories and articles which have been translated into 50 languages and published in countries like Afghanistan, India, Croatia, Cyprus, France, Greenland, Taiwan, and USA. He absolved readings and literary presentations in 78 cities of Slovakia and 29 countries of Europe, Asia and North America. Murin is well experienced as screenwriter, anchor and co-producent for TV, radio and off-theatre.

### IL PIÙ BEL SENO DEL WEST

Il programma internazionale di scrittura che frequentavamo nell'Iowa ci fece scoprire alcuni aspetti dell'America a dir poco inattesi. Prendete per esempio la pubblicità di un locale notturno, il "Night Dancer Club", apparsa nel giornale universitario. Oltre a una scuderia di ballerine spogliarelliste (quattordici nella fattispecie) che assicuravano il solito spettacolo, il Club vantava anche una nuova stella dello spogliarello, Candy Apples (Mele Candite), in un numero intitolato "Il più bel seno del West".

Se siete tra quelli che considerano inevitabile vedere le piramidi o incontrare il Papa almeno una volta nella vita, converrete che ammirare il più bel seno del West possa porsi all'altezza di tali imprese. E così andai al Club con i colleghi.

Nel salone principale del Dancer Club il palcoscenico e il palo d'argento intorno al quale ballano le spogliarelliste erano situati proprio al centro del locale, in modo da dare il massimo risalto all'attrazione che costituiva la ragione d'essere del locale, cioè la danza.

Candy Apples, la vedette dello spettacolo, non era alta, ma aveva un corpo perfetto. Come spetta ad una star, il costume del quale si doveva spogliare era il più bello in assoluto. Nonostante la brevità del suo numero, i clienti si accalcavano intorno al palcoscenico. Perché Candy aveva qualcosa di speciale. A differenza delle altre ragazze, che raccoglievano le banconote e le infilavano sotto la stringa del tanga, lei prendeva ogni banconota in mano, la piegava e l'appoggiava sul naso del cliente. Poi, abbassandosi l'infilava nel solco tra i seni e la sollevava con una vezzosa strizzatina. Efficace, elegante e veloce.

Confesso che non ho resistito alla tentazione di offrirmi al seno più bello del West perché carpisse una banconota dal mio nasone.

È stata un'esperienza unica, simile all'abbraccio di una madre, sentire quella cosa grossa, soffice e profumata appoggiarsi ai miei occhi. In un attimo avevo perso una banconota ma avevo guadagnato una emozione straordinaria.

Dopo lo spettacolo Candy vendeva le sue foto, e benché non fossi interessato all'articolo, mi premeva conoscerla meglio. Dopotutto, è dovere dello scrittore compiere delle ricerche.

Quindi mi presentai e Candy fu molto cordiale. Ma esaminò a lungo il mio biglietto da visita. Poi ad un tratto esclamò: "Slovakia! Ma siamo quasi connazionali! Il mio nome è Halyna e sono di origine ucraina".

Ebbene, è proprio così, amici miei: la verità è che i più bei senii del West provengono dall'Est.

**(Translated by Franca Tiberto)**



**Jaroslav Rezník** was born in the Slovak city of Ružomberok in 1942. He is poet, screen-writer and translator. He is an honorary president of Spolok slovenských spisovateľov (The Association of Slovak Writers) that was established in 1923. It brings together over 450 Slovak writers. SSS represents the highest values and personalities of Slovak literature.

The center of interest of the SSS is to support the creation and publication of Slovak original and translation literature, to support and protect its authors and to publish literary journals.

The activity of the Slovak Writers' Association is also coordinated through its regional branches in Banská Bystrica, Košice, Nitra, Trnava and Žilina. It publishes two professional periodicals: "Literárny týždeník" ("Literary Weekly", newspaper) and a magazine for young literature and art "Dotyky" ("Touches").

The publishing house of the Slovak Writers' Association publishes 30 book publications of original and translation works annually.

## Smile

I know that my heart will once break
from the overdo of life
and the love for it,
I am just not sure,
where on the face of this
lifelong
deeply praying slope
it will be,
just like ice in spring has no idea,
where the river
with its groundwaters
is attacking it.

But when its happens so,
when the last beautiful auditor crosses me out
deep inside my chest,
that small crack,
that narrow rift,
that silent scar
on a surprised muscle -
that will be my last smile,
that hopped
- this time vice-versa -
from my face onto my heart,
but its the same for you all,
friends.

**(Translated by Laura Rezníková)**

**MAN-NATURA**

Ħamrija... ħamra, griża, sewda,
safra, marradija, mejta, ħajja...
Il-ħin... l-alfabett tagħha,
in-nofsinnhar il-barxa tiegħu,
fruntiera ta' dawl
li jaħbi d-destin,
il-mumenti
u t-tifkiriet.
Il-ħajja il-leħen ħelu tiegħu.

L-imħabba... dik storja oħra...
Ġej Kieli l-*bully* bill-*bulldozer*...

**JOHN CONSIGLIO**

**LIL MALTA TIEGĦI**

Ma niflaħx aktar nisma' x'qiegħed jiġri,
narak daqshekk ħosbiena, u mbikkija.
Id-dinja tħares lejk, titħaddet fuqek,
fuq dak li qed isir mingħajr mistħija.

Ma niflaħx, le, narak ġo din is-sura
għax hawn min qiegħed iweġġagħlek qalbek.
Nixtieq li kieku nista' nara x'nagħmel
biex forsi ntaffi ftit mill-hemm li għandek.

Ma nafikx hekk, bħal Malta ta' tfuliti
fejn xejn ma kellna għajr il-wiċċ daħkani.
Ismek bla tebgħa, u ma kienx imniġġeż
li kont iġġib il-għira tal-barrani.

'Mma inti kbir'għalkemm iċ-ċokon tiegħek,
b'wiċċek 'il fuq ġo baħar ta' bla ħniena.
Il-mewġ jgħollik u b'sabta jerġa' jniżżlek
imma ma tegħreq qatt u qatt għajjiena.

Għad jiġi ż-żmien u dan int tafu sewwa,
għax ġa ġarrabt u taf x'inhi tbatija,
li ismek jieħu r-ruħ, mill- ġdid jistagħna
u jerġa' jkollok paċi dejjemija.

**JOSEPH SCIBERRAS**
**(Ħ'ATTARD)**

**XPAKKAT BAJDA MARSUSA**

Xpakkat bajda marsusa
faqqsu mostri prużuntużi
ħarbu l-anġli mistħija
dalam qabel sebaħ
ġeru gidem 'il sidu
il-ġara newlet werqa marihwana
lil binha rasu tuġgħu
fuq l-għatba mtebbgħa bit-tbaħħir tal-bieraħ
għolla rasu u ferfer ilsienu serp smin
qabel ħakem sigarru kuban bejn snienu,
jipprova jidħol fit-tempju nofsu mġarraf
l-istola vjola mċerċra qiegħda tissara
ma' xalpa bi lwien il-qawsalla
raġel pulit, id f'id mar-raġel tiegħu
qed iħaffu lejn darhom maġenb il-knisja
it-twejqa tal-konfessjonarju
imtaqqba b'mitt toqba seksieka,
issa għamara tal-għanqbut u l-brimba
min stqarr dnubietu telaq bla ma staqsa
min sema' ħafer id-dnubiet tal-bieraħ
u ħaffef lejn l-orakli
li għadhom jitħabtu f'ġuf ommhom,
jitkixxef liem' huma l-ħtijiet tal-lum
fil-laqgħa plenarja l-mexxej imkabbar
bi tbissima mqansħa
ħabbar il-programm għas-sena d-dieħla
b'aktar progress u wegħdiet hienja
fit-twieqi tad-djar
madwar il-koppla għajjiena
baqa' d-dlam jistenna t-tokki
li m'għadhomx jinstemgħu
jistenna l-miġja tas-sebħ
li forsi għad jasal
u jqajjem lill-ġellieda mifluġa
għat-talba ta' filgħodu
qabel ma bajdiet oħra b'rita fina
jixpakkaw
u jfaqqsu aktar mostri ġodda.

**FRANK ZAMMIT**

**ĦAJKU**

Seħet is-siegħa
u l-mument dan Kolombu
li sab l-Amerka.

**AMANDA BUSUTTIL**

**WIRJA TAR-RITRATTI**

Wirja tar-Ritratti
ħarsti marret fuq ritratt qadim
mimli tfal b'uċuħ ħelwin
uħud minnhom b'riġlejhom ħafjin
oħrajn suriet in-nies libsin.

Dak il-ħin qalbi tgħaffset bid-diqa
ħassejt għal dawk it-tfal imċerċrin.
Min jaf qlub dawk iċ-ċkejknin
kinux muġugħin dak il-ħin?

Sakemm fl-istess waqt intbaħt
li t-tifkira ta' dak il-mument
sabiħa jew kerha
Issa għal kollha kemm kienu ... x'aktarx spiċċat.

**CARMEN REFALO**

**SCRITTA IN GUERRA**

In questi tempi di sfacelo quando
la vita è tutta artigli
era tempo perduto forse, o figli
dell'ombra, annaffiare le rose?
A più gravi domande non rispose
l'oracolo e intanto
ecco la morte stringe da ogni parte,
e non vogliamo avere
rimorsi. Mentre si barava a carte
sul tavolo era tempo perduto
annaffiare le rose
sapendo d'esser prossimi alla morte?

**JOHN CREMONA**
**(minn *Poesie. Poems. Poeżiji*, Midesea Books, 2009)**

**KULURI**

Niftaħ it-tieqa
u nara *poster* bl-aħmar
waħħluh tal-labour.

Top blu llum libset
kemm hawn min m'għandux x'jagħmel
kif ratni tbissmet.

**MIRIAM ELLUL**

**ĦSIBIJIET**

L-imħabba: L-imħabba,
ma titfissirx bil-kliem,
imma b'qalb sinċiera.

allat ġodda: Jekk qabel konna ngħidu
li għandna Alla wieħed,
issa nibtu allat affaxxinanti,
il-flus, id-droga, l-moda,
u l-alla l-kbir... is-sess.

Grazzi: Inħell bil-fomm l-għanjiet ta' qalbi,
għanjiet ta' radd il-ħajr,
għax għoġbok tisma' talbi.

Lil Martina: Jista' ma jżernaqx jum,
jekk leħnek ħlejju,
ma jinfidlix widnejja.

**CHARLES MIFSUD**

**DOVEVO SAPERE**

Dovevo sapere
che non ci sei stata. . .
Ogni volta che ti guardo
il cielo si allontana.

Dovevo sapere
che più ti chiamo,
più non ci sei. . .

Invece anche nell'oscurità
delle valli più profonde
troverai le scintilla e le stelle
che illuminano il mio cammino
verso di te.

**ALFRED GRECH**

**KULL DEMGĦA**
**Għal min jibki waħdu**

Kull demgħa li tixref,
li lesta biex taqa'
trid kieku tiltaqa'
ma' min iwennisha
daqsxejn.

Kull demgħa li tixref
li taf li qed toħlom
għalxejn.

**ĠORĠ BORG**

**L-AĦĦAR POST**

Mulej,
ma nitolbokx demm ġdid
fil-vini tiegħi,
lanqas rieda qawwija
li l-blat tfarrak;
ħallini hawn marid u dgħajjef
nistenna jumek.
Biss meta tasal,
ġib baħar ħniena miegħek
u għall-anqas
agħtini l-aħħar post
fis-saltna tiegħek.

**CARMEL ATTARD**

**DISKRIMINAZZJONI**

Ħattejt il-kobob kollha
nistaqsi x'ġara f'daqqa
iżda le sibt x'kien wassal
biex din il-bomba tfaqqa'.

Staqsejt bla ħadt tweġiba
għaliex tgħattiet l-imnara
li 'l ħajti dawlet dejjem
u f'qalbi kebbset xrara.

L-ilma li bih nitrejjaq
nixifli mill-fawwara,
moħħi minn dalma ċappa
jixtieq jibda jiċċara.

Indur f'mogħdija mserrpa
mimlija xewk , għollieq,
flok fjuri sbieħ qed nara
għelieqi bil-ħurrieq.

Fuq rasi sħab sewdieni,
ir-raġġi moħbijin,
tax-xemx li tagħti l-ħajja,
mix-xjaten miżmumin.

Il-kelma influwenti
ta' flien dejjem mistur
inħossha lili tjassar
ġo gaġġa bħal għasfur.

**JOHN MALLIA**

**INFLUWENTI L-AJKLA, INFLUWENTI**

bejn bandiera u
oħra

.

kwiekeb u strixxi,
jidhru uċuħ bjondi.

il-ħmar jisma' l-għajjat isteriku,
l-iljunfant jisma' l-estremiżmu,
u l-ajkla tħejji l-priża.

il-*cowboy* idawwar il-ħabel,
u x-xeriff idaħħan sigarru
(basta mhux kuban).

l-ajkla influwenti tħares sodisfatta,
tiggosta ġens l-illużjoni.

**MARIO GRISCTI**

**FITTIXTEK**

Minn wara twieqi mbexxqa,
f'rifless maqlub mill-mera,
minn xquq il-ħajt imherri,
minn mirja 'kkuluriti,
minn tazzi nofshom vojta,
minn swali iffullati,
f'kadenzi diminwiti,
fi vjaggi infiniti,
f'żgħoziti u tfuliti,

Fittixt u għadni nfittex
biex nara int minn int...

**MANUEL CASHA**

**HAIL TO THE FIRE**

**(In November 30, 2015, 22:30 EET, a blasting fire started at the "Colectiv" nightclub in Bucharest, during a rock concert. 63 persons died in the flames or medical facilities after the disaster. These lines are dedicated to their memory.)**

We still can walk away,
but this place is to stay,
no matter the flames!!!

Up to that door
we'll never find
a way back home...

Fire is in our bed
tears we have to shed
to quench your thirst for blood!

You still bear the flame
nobody to blame
hell can rise again!

Nation in dismay
blazes rising high
keep your fate and fire!

Spare your dirty words
waiting on your tongues
doctor's here to heal!
You spent lives in lies
and we pay the price
are you happy now?

Hail to the fire!!!
It saved us
from your life of misery!

Or it isn't so?...

**DRAGOŞ BARBU**
*Ir-Rumanija*

**PIRANDELLIANA**

Vecchio! La vita?
Ti piaceva…
"Sissì… Beh
in fondo vivevo
solo per ricordare me stesso:
per non avere rimpianti
o rimorsi".

E la seguivi, allora.
La seguivi!
"Sissì…
Magari non per nobiltà
o entusiasmo
o speranza. Nonnò…

Per una ragione, invece,
molto più romantica:
perché non mi scacciava…

Ma sì! Poi l'eco di uno sguardo,
l'eco di uno sguardo
s'infrange nel cuore:
e tutto quello che resta da vedere
è il desiderio di guardare".

**PIETRO PANCAMO**
*L-Italja*

**FEET**

Within the twilight of my memories
footprint of her resurrections

I am struggling on the run
not getting

The pain is immeasurable
My fault

infatuated

I contuinue to pray

and love

because she is always here
remains

resuscitate.

**SABAHUDIN HADŽIALIĆ**
*Il-Bosnija-Herzegovina*

**MY VILLAGE'S PARTS**
**A poem for ZONI in Arcadia**

My heart knows
every part of my village.
It has crossed
and loved all of them.

With the laughter, the tear
at the end of my village
I'll stay gazing out
and courage I'll take.

With the breeze of my village
I'll cool the sweltering hot
in the furnace of life
and that freshness will stay.

In the company of that
I will endure what will come.
Every part of my village,
my heart's sacred mate.

**ZACHAROULA GAITANAKI**
*Il-Greċja*

**EASTER**

Spring arrives
because it is Easter,
because it is Passover,
because we trust
in the word HOPE.
Registering all rebirth
with nature's brush
we go colouring time,
because the reason to live
it is an art we reinvent
every day!

**TERESINKA PEREIRA**
*L-Istati Uniti*

**PRAIRIE**

"Prairie" means the place
where kestrels' sight are touching
the horizon,
their wings are charging
the north wind
and the buffalo hoofs are carving
trails to the unknown lands.
"Prairie" means a place
where pronghorns are blaming
the sun,
for its rush to the dusk
before they could bathe enough
it its heat.
Prairie still means
That land of mustangs
where the leaves of grass and maple
are confusing each other, down on the ground
in the supreme harmony…

**NADIA-CELLA POP**
**(translated by Dragoş Barbu)**
*Ir-Rumanija*

**HOW QUICKLY YOUTH PASSES**

How quickly youth passes,
years fly swiftly
already tumbleweeds roam,
and in the sky cranes cry...
Sad days come,
narrows damned circle,
and at that very moment
your dear friend comes.
He once or twice utters a word,
and you will be called by chance,
lady is full of desire again,
and heart was pounding!
Why you do not understand,
that you cannot initiate the passions,
that woman loves by ears
there is no limit of her dreams!
Oh, mummers, shame on you
you can not joke with friends,
they are living creatures,
more capable of love!

**ADOLF SHVEDCHIKOV**
*L-Istati Uniti*







**_PAUL VALÉRY LE CIMETIÈRE MARIN/LA JEUNE PARQUE MAQLUBIN GĦALL-MALTI_ ta' Carmel Mallia, 2017.**

Isem Carmel Mallia huwa marbut sewwa mal-qasam tal-letteratura (poeżija, rumanzi), tat-traduzzjoni u anki tal-Esperanto. Huwa poliglotta u mhux l-ewwel darba li qaleb xogħlijiet letterarji barranin għall-Malti jew viċeversa. Din id-darba Mallia qed jagħtina f'ilsienna żewġ poeżiji ta' dan il-kittieb Franċiż li twieled fl-1871 u miet fl-1945. Apparti t-traduzzjonijiet taż-żewġ poeżiji għall-Malti, Mallia jikteb daħla ġenerali dwar ħajjet Valéry, żmienu u kitbietu, imma anki noti siewja dwar l-istruttura, l-istil, u t-tematika taż-żewġ poeżiji. *Iċ-Ċimiterju Ħdejn il-Baħar* hi f'għamla ta' strofi ta' sitt versi u b'kollox għandha 144 vers. *Id-Destin Żagħżugħ* hija poema ta' 512-il vers magħmula minn rima mbewsa. Mallia jirnexxilu jżomm l-istess skema tar-rima oriġinali u b'hekk wera għal darb'oħra li l-Malti huwa lsien li kapaċi jesprimi kunċetti, emozzjonijiet u ħsibijiet ta' kull tip u xorta daqs ilsna oħrajn. Fl-aħħar ta' dan il-ktejjeb ta' 50 paġna Mallia jaqleb għall-Malti żewġ ġawhriet oħrajn ta' Valéry, *Il-Passi* u *Il-Folja Bajda*.

**_ALTITUDES OF POETIC THOUGHTS_ ta' Ashok Chakravarthy Tholana, Authors Press, India, 2017.**

Din id-darba għandna ġabra ta' poeżiji tal-poeta Indjan minn Hyderabad, Ashok Chakravarthy Tholana. Ilu jikteb il-poeżija għal dawn l-aħħar 25 sena u huwa l-awtur ta' 18-il volum ta' poeżiji bl-Ingliż. Din il-ġabra tiġbor fiha mal-74 poeżija, il-parti l-kbira bl-Ingliż u tnejn jew tlieta minnhom maqlubin għall-ispanjol jew għall-Malasjan. Il-ġabra għanda Daħliet miktubin mill-poeta u kittieb Indjan Sujit Mukherjee, mill-kittieb mill-Costa Rica, Alexander Anchía Vindas, mill-poeta u kittieb Ungeriż, István Turczi, u mill-kittieb u poeta mit-Taiwan, Lee Kuei-Shien. Ashok Chakravarthy Tholana huwa fuq kollox poeta li jikteb dwar il-bżonn tal-paċi u l-għaqda fost il-ġnus tad-dinja, imma hu wkoll osservatur akut tal-fenomeni naturali. Dan iwasslu permezz ta' ħsieb profond u sens qawwi ta' spiritwalità. Jikteb dwar temi universali u għalhekk kull kittieb jista' jirrelata ma' Ashok Chakravarthy Tholana, minkejja d-differenzi bħal nazzjonalitá, razza, twemmin, xogħol, u klassi soċjali.

**_ĠENESI - POEŻIJI 2007-2016_ ta' Achille Mizzi, Horizons, 2017.**

**X'qalu l-kritiċi dwar 'Ġenesi' ta' Achille Mizzi:**

"Admiration of nature, and of the senses, and of all things that make up the world, and all that makes us human, can be found in plenty in Mizzi's poems. It can be found in his dynamic use of metaphor. It is while he questions truth that he paints beauty in a duality of concordance that is a synthesis of two threads of existence, the material and the metaphysical. This happens in the smelting of existential angst with metaphorical experience in the crucible of linguistic fireworks." **Norbert Ellul Vincenti o.f.m**

"Meta naqra l-poeżija ta' Achille Mizzi nħoss li rrid niddjaloga b'dan il-mod kif spjegajt hawn fuq dwar il-kultura li jdaħħal fil-poeżiji tiegħu. Bl-istrateġiji tiegħu, mhux biss jistabbilixxi l-qagħda tiegħu imma jinxurja s-saħħa u d-diversità tal-letteratura Maltija. Lil Achille Mizzi (li ġie pproklamat protagonist ewlieni u bikri tal-moderniżmu Malti nagħtih ġieħ għall-kontribut eċċezzjonali tiegħu li ta lill-poeżija Maltija biex tibqa' ħajja u qawwija, għall-eċċellenza poetika tiegħu li tirrispetta lill-qarrejja bħala udjenza ta' dehen, u għax għandu pożizzjoni rappreżentattiva onorarja fil-qasam mistiku." **Charles Briffa**

"F'din il-ġabra, Mizzi jkompli jikkonferma ruħu li hu l-werriet u s-suċċessur denn ta' Dun Karm, kif sostna ferm tajjeb Oliver Friggieri fl-istudju kritiku li nsibu fil-ktieb *Poeżiji – Achille Mizzi* (2009). Bħall-antoloġiji ta' qabel, hawn għandna sensiela ta' immaġnijiet, kull waħda minnhom tgħin lill-immaġni ta' qabilha, kif ukoll it-tħaddim tal-kelma bl-akbar maturità. Fil-poetika ta' Mizzi minn *L-Għar tal-Enimmi* (1967) sa *Ġenesi* (2017) hemm riflessa l-idea li fl-arti, ċoè fil-ħajja jeżistu żewġ forzi: dik Apollonjana, jiġiferi spirtu kreattiv imma razzjonali, sublimi u ordnat, u fuq in-naħa l-oħra għandek il-kreattività fferoċjata ta' qawwa bla rażan, libertà fl-azzjonijiet u fl-emozzjonijiet. Hemm ukoll il-funtana li teħodna lura fit-taqbida ta' dawn il-forzi kreattivi. Mhux biss hi simbolika għall-purifkazzjoni tad-dnub iżda wkoll wirt tal-kunċett Grieg ta' Pirene, il-funtana li toffri ispirazzjoni artistika 'l-poeti. Qed ngħid dan b'insistenza għax f'din il-fażi poetika, Mizzi, apparti li jissokta jimraħ b'konvinzjoni u b'qawwa passjonali - dwar it-temi vasti li issa saru parti mill-ethos ta' nazzjon sħiħ - issa daħal f'qagħda aktar profonda fejn il-mistiku jinħass b'saħħa tremenda. Hawnhekk hu l-poeta axxetiku, il-bniedem li Alla jitkellem bil-fomm tiegħu, li akkost ta' kollox irid li jitbiegħed minn dak kollu li hu mondan, illużorju u fieragħ. Mizzi qed jippreżenta lilu nnifsu bħala bniedem imnebbaħ, li wara li rnexxielu jissupera l-proċess tal-'jien' fehem l-essenza vera u propja ta' kull ħlejqa mikro u makro. U f 'dan l-istat kontemplattiv, bi spirtu trasfgurattiv, il-ħajja għalih tissawwar f'għajxien awtentiku fl-milja tar-ruħ. **Andrew Sciberras**






***MALTESE GRAMMAR ESSENTIALS IN CONTEXT 3* ta' Charles Daniel Saliba, 2017.**

Charles Daniel Saliba, l-awtur tas-serje bilingwi Malti-Ingliż-Malti għall-Barranin, għadu kemm ippubblika l-aħħar ktieb ta' din is-serje bl-isem: *Maltese Grammar Essentials in Context 3*. Issa s-serje tammonta għal 14-il ktieb maqsuma fuq l-ewwel tliet livelli tal-Common European Framework for Languages akkumpanjat minn CD jew USB u tliet sillabi. Dan il-ktieb hu mfassal bħaż-żewġ kotba tal-grammatika ta' qablu iżda jittratta aspetti tal-grammatika f'aktar dettall. Dan kollu jsir f'kuntest għaliex il-grammatika tinħareġ minn testi varji li jippreżentaw sitwazzjonijiet li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. Billi dan huwa grammatika f'kuntest, min jużah ikun jitħarreġ fl-erba' ħiliet tal-lingwa. Is-CD tas-serje ġie aġġornat biex jinkludi s-sezzjonijiet li jinqraw f'dan il-ktieb biex b'hekk min jużah ikun jista' jisma' kelliema nattivi jaqraw is-siltiet jew id-djalogi. Il-*files* tas-serje ġew maqluba wkoll fuq USB biex ikunu aċċessibbli għal aktar mezzi teknoloġiċi.




***THE WHITE LADY OF MARSAXLOKK* ta' Rosanne Dingli, Yellow Teapot Books, 2015.**

Dan huwa wieħed mill-bosta rumanzi li din il-kittieba Maltija-Awstraljana prolifika ppubblikat f'dawn l-aħħar snin. F'dan ix-xogħol ta' kważi 200 paġna tabib jirritorna lura Malta wara 25 sena biex ifittex ġo dar kbira u mwaqqgħa dak li mingħalih kien ra fi żmien il-qamar il-għasel tiegħu. Ossessjonat dwar din id-dar u l-istorja tagħha huwa joħlom li jirrestawraha u jibda attività ta' *business* bis-saħħa tagħha. Dan kollu waqt li ż-żwieġ tiegħu jkun għaddej minn problemi u waqt li jinħakem minn forza misterjuża li n-nies tal-lokal (Marsaxlokk) jgħidu li l-istess dar hija maħkuma biha. Tifkiriet, ħolm u apparizzjonijiet diversi jsiru ħaġa waħda biex flimkien jirrakkontaw storja ta' mara żagħżugħa li ħajjitha u ħwejjiġha jsiru parti mill-ħajja tat-tabib protagonist. Dan hu rumanz li jpoġġi lil Malta fiċ-ċentru u jagħti l-opportunità lil bosta barranin jaqraw dwar l-istorja, l-ambjent, it-tradizzjonijiet ta' għżiritna. Huwa anki vjaġġ matul iż-żmien, vjaġġ li huwa kemm maġiku u fl-istess ħin joħloq fil-qarrej sens ta' kurżità, biża' u waħx.